


Rapport Speċjali

**Programmi ta' qerda,  
kontroll u monitoraġġ  
għat-trażżin tal-mard  
tal-annimali**



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx](http://eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx)

Sit web: [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Twitter: @EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

Print	ISBN 978-92-872-4474-1	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/960738	QJ-AB-16-006-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-4443-7	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/810501	QJ-AB-16-006-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-4477-2	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/675587	QJ-AB-16-006-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Rapport Speċjali

**Programmi ta' qerda,  
kontroll u monitoraġġ  
għat-trażżin tal-mard  
tal-annimali**

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha li jikkonċernaw oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija minn Augustyn Kubik, Membru tal-QEA — li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' preżervazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA, b'appoġġ mill-Kap tal-kabinett tagħha, Katja Mattfolk, u Kim Storup, Attaché; Colm Friel, Maniġer Prinċipali; Armando do Jogo, Kap tal-Kompitu; Xavier Demarche, Manuel Dias, Andreas Dürrwanger, Oana Dumitrescu, Laure Gatter, Mary Kerrigan, Joanna Kokot, Michela Lanzutti, Joachim Otto, Lucia Rosca u Anna Zalega, awdituri.



*Mix-xellug għal-lemin: K. Mattfolk, A. do Jogo, C. Friel, B. Jakobsen, X. Demarche.*

## Paragrafu

### **Glossarju u abbrevjazzjonijiet**

#### I – X **Sommarju eżekuttiv**

#### 1 – 17 **Introduzzjoni**

1 – 2 **Trattament tal-mard tal-animali**

3 – 4 **L-istrateġija tal-UE għas-saħħa tal-animali**

5 – 9 **Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard tal-animali**

10 – 12 **Kooperazzjoni ma' pajjiżi li jinsabu barra mill-UE**

13 – 17 **Rwoli u responsabbiltajiet prinċipali**

#### 18 – 23 **Ambitu u approċċ tal-awditjar**

#### 24 – 60 **Osservazzjonijiet tal-Awditjar**

26 – 33 **Filwaqt li, b'mod ġenerali, l-approċċ tal-Kummissjoni għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-animali kien tajjeb,**

34 – 36 **u li, b'mod ġenerali, il-programmi tal-Istati Membri tfasslu u ġew implimentati tajjeb,**

37 – 47 **huwa diffiċli li tiġi ddeterminata l-kosteffettività tal-programmi,**

48 – 60 **u baqa' lok għal titjib.**

#### 61 – 72 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Anness I — Informazzjoni dwar il-mard tal-animali**

**Anness II — Responsabbiltajiet prinċipali**

### **Risposta tal-Kummissjoni**

# Glossarju u abbrevjazzjonijiet

04

**ADNS:** Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Animali

**BSE:** Enċefalopatija sponġiformi bovina

**BT:** Ilsien blu

**CAC:** Kummissjoni tal-Codex Alimentarius

**ECDC:** Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

**EFSA:** Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

**FAO:** Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti

**FVO:** Uffiċċju Alimentari u Veterinarju

**Inċidenza u prevalenza:** L-inċidenza ta' marda hija l-okkorrenza ta' marda f'popolazzjoni definta matul perjodu ta' żmien indikat (l-għadd ta' każijiet ġodda). Il-prevalenza ta' marda hija l-preżenza ta' marda f'popolazzjoni ddefinita fi żmien indikat (għadd reali ta' każijiet).

**OIE:** Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali

**PAFF:** Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf

**TB:** Tuberkulożi Bovina

**TRACES:** Sistema Esperta ta' Kontroll tal-Kummerċ

**TSE:** Enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu

**WAHIS:** Sistema Dinjija ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa tal-Animali

**WHO:** Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

**Żoonożi:** Marda jew infezzjoni li tista' tittieħed direttament jew indirettament bejn l-animali u l-bnedmin.

## I

Is-saħħa tal-annimali għandha impatt dirett fuq is-saħħa pubblika, minħabba kwistjonijiet ta' sikurezza alimentari, u minħabba li xi mard li jinġarr mill-annimali jista' jittieħed mill-bniedem. Barra minn hekk, tifqigħat ta' mard tal-annimali jistgħu jiskattaw spejjeż ekonomiċi sinifikanti, permezz ta' telf ta' swieq interni tal-UE u ta' swieq tal-esportazzjoni, u l-ispiża diretta li l-kontroll tal-mard ikollu fuq il-baġits tal-UE u tal-Istati Membri.

## II

Il-mard tal-annimali jista' jixtered b'mod rapidu u jaqsam il-fruntieri. L-UE għandha politika attiva dwar is-saħħa tal-annimali u tiffinanzja l-programmi tal-Istati Membri għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali. Dawn il-programmi kienu jinvolvu finanzjament mill-UE ta' EUR 1.3 biljun bejn l-2009 u l-2014, u jkopru azzjonijiet bħat-tilqim tal-annimali, l-ittestjar u l-kumpens għal annimali mbiċċra. Skont it-tip ta' marda, il-qerda hija eżerċizzju kumpless u tista' tieħu ħafna snin. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm approċċ tajjeb fil-livell tal-UE, bi programmi xierqa li jiġu implimentati mill-Istati Membri.

## III

Il-Qorti eżaminat jekk il-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ rażznux il-mard tal-annimali b'mod adegwat, billi vvalutat l-approċċ meħud mill-Kummissjoni, u t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi mill-Istati Membri. Il-Qorti eżaminat ukoll jekk il-kosteffettività tal-programmi tqisitx b'mod adegwat.

## IV

B'mod ġenerali, il-Qorti kkonkludiet li l-programmi li eżaminajna, relatati mal-mard tal-annimali, rażżnu dan il-mard b'mod adegwat. Madankollu, billi tifqigħat ta' mard dejjem jistgħu jseħħu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jkunu viġilanti.

## V

Aħna kkonkludejna li, b'mod ġenerali, l-approċċ meħud mill-Kummissjoni kien tajjeb, u kien appoġġat minn parir tekniku tajjeb, analiżi tar-riskju, u mekkaniżmu għall-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida u ffaċilitat il-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri, u stabbiliet kriterji minimi tal-prestazzjoni li kellhom jiġu ssodisfati mill-programmi tal-Istati Membri. Seħħew xi suċċessi notevoli, pereżempju, tnaqqis fil-każijiet ta' enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) fl-ifrat, salmonella fil-pollam, u rabja fl-organiżmi selvaġġi.

## VI

Aħna kkonkludejna li, b'mod ġenerali, il-programmi tal-Istati Membri, li eżaminajna, tfasslu u ġew implimentati tajjeb, u li l-Istati Membri kellhom sistemi adegwati biex jidentifikaw tifqigħat ta' mard tal-annimali u biex jiffaċilitaw il-qerda tagħhom.

### VII

Minkejja dan, huwa diffiċli li tiġi ddeterminata l-kosteffettività tal-programmi, minħabba n-nuqqas ta' mudelli disponibbli għal analiżi ta' dan it-tip. Kien hemm eżempji ta' programmi mhux ikkontrollati biżżejjed mill-Istati Membri jew ta' spejjeż li kienu għoljin wisq. F'xi każijiet fl-Italja, l-ammonti li tħallsu bħala kumpens lill-bdiewa, jew it-tnaqqis fil-pagamenti li kien impost mill-Kummissjoni, ipprovdew inċentivi limitat għat-tħeġġiġ ta' miżuri effettivi ta' bijosigurtà u għall-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi.

### VIII

Aħna nnutajna xi oqsma speċifiċi fejn kien hemm lok għal titjib. L-iskambju ta' informazzjoni epidemjoloġika u l-aċċess faċli għal riżultati storiċi setgħu jiġu appoġġati aħjar permezz tas-sistemi rilevanti ta' informazzjoni, iżda dan kien fil-proċess li jittejjeb. L-awditu sab ukoll li xi programmi għandhom jispeċifikaw aħjar dawk l-azzjonijiet u l-kontrolli li għandhom jiġu implimentati.

### IX

Filwaqt li, b'mod ġenerali, il-valutazzjoni tagħna tal-implimentazzjoni ta' programmi veterinarji speċifiċi kienet pożittiva, il-qerda ta' bruċellożi u tuberkulożi bovina, u ta' bruċellożi ovina u kaprina, ippreżentat sfidi kontinwi f'xi Stati Membri. Aħna sibna li l-approċċ tal-UE biex tqis mard f'organiżmi selvaġġi għandu jiġi kkomplementat, notevolment għat-tuberkulożi, u li n-nuqqas ta' ċerti vaċċini jista' jkun ta' detriment għall-effettività tal-programmi.

### X

Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:

- (a) Tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni epidemjoloġika bejn l-Istati Membri.
- (b) Teżamina jekk is-sett eżistenti ta' indikaturi għandux jiġi aġġornat sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar l-attivitajiet ta' kontroll veterinarju u l-kosteffettività tal-programmi.
- (c) Sistematikament tinkludi, meta rilevanti, l-aspett ta' organiżmi selvaġġi fil-programmi veterinarji.
- (d) Tappoġġa d-disponibbiltà ta' vaċċini li se jintużaw mill-Istati Membri meta dan ikun iġġustifikat b'mod epidemiku.



## Trattament tal-mard tal-annimali

### 01

Is-saħħa tal-annimali għandha impatt dirett fuq is-saħħa pubblika, minħabba li xi mard tal-annimali jista' jittieħed mill-bniedem, u minħabba kwistjonijiet ta' sikurezza alimentari. Saħħa tal-annimali tajba hija wkoll rekwiżit bażiku għall-industrija tal-ikel tal-UE. Għalhekk, għal ħafna snin, l-UE infurzat sett estensiv ta' miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali. L-ispiża għall-indirizzar ta' emerġenzi u mard, jekk il-miżuri eżistenti ma jiffunzjonawx tajjeb, tista' tkun sinifikanti, b'telf ta' swieq interni tal-UE u ta' swieq tal-esportazzjoni, spejjeż li l-kontroll tal-mard ikollu fuq il-baġits tal-UE u tal-Istati Membri, u spejjeż għas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri għat-trattament ta' mard zoonotiku (mard li jista' jittieħed mill-bniedem). It-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tal-2001, li bdiet fir-Renju Unit iżda xterdet f'pajjiżi oħra, hija stmata li swiet sa EUR 12-il biljun. Il-kriżi tal-BSE tas-snin disgħin, li kienet ukoll ikkonċentrata fir-Renju Unit, swiet aktar minn EUR 3 biljun fir-Renju Unit waħdu u naqqset sinifikattivament kemm il-volumi kif ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet ta' ċanga mill-UE. Fi snin reċenti, ma tfaċċat l-ebda tifqigħa ta' mard li wasslet għal spejjeż daqstant sinifikanti.

### 02

It-tip u l-inċidenza ta' mard tal-annimali jvarjaw madwar l-UE u jiddependu fuq fatturi li jinkludu klima, tipi ta' azjendi agrikoli, prattiki veterinarji, u movimenti tal-annimali. Xi wħud mill-mard prinċipali tal-annimali huma deskritti fl-**Annex I**. Barra minn hekk, tifqigħat reċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer (il-Litwanja, l-Estonja, il-Latvja u l-Polonja), l-influenza avjarja (in-Netherlands u l-Ġermanja) jew il-marda tal-ilsien blu (li xterdet mill-Afrika ta' Fuq u affettwat prinċipalment lill-Greċja, l-Italja, Spanja, il-Portugall) kollha xterdu malajr u qasmu l-fruntieri. Xi mard tal-annimali jista' jixtered b'mod rapidu (ara pereżempju l-każ tal-ilsien blu fil-**Figura 1**) jekk ma jinqabadx malajr u ma jiġix ittrattat b'mod effettiv. Miżuri veterinarji effettivi jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' mard li jittieħed malajr ħafna ta' dan it-tip, u biex tiġi evitata l-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' emerġenza.

## L-istrateġija tal-UE għas-saħħa tal-annimali


### 03

Il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali huwa kumpless. Huwa jinvolvi mijiet ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni, li xi wħud minnhom ilhom li ġew adottati mill-1964. Fl-1977, għal xi mard ġie introdott għall-ewwel darba approċċ sistematiku tal-UE għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali<sup>1</sup>. Mill-2009, id-Deċiżjoni tal-Kunsill<sup>2</sup> dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju, li ġiet sostitwita fl-2014<sup>3</sup>, tistabbilixxi l-qafas għal dawn il-programmi. L-istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali<sup>4</sup> stabbiliet għanijiet relatati mas-saħħa, ma' kwistjonijiet ekonomiċi u ma' prattiki agrikoli kif ukoll pjan ta' azzjoni biex dawn jinkisbu. Ara l-**Kaxxa 1** għad-dettalji.

- 1 Id-Direttiva tal-Kunsill 77/391/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-qerda tal-bruċellożi, tuberkuulożi u lewkożi fl-ifrat (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 44)
- 2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30)
- 3 Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).
- 4 KUMM(2007) 539 finali tad-19 ta' Settembru 2007 "Strateġija ġdida tas-Saħħa tal-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) fejn "Il-prevenzjoni hija aquwa mill-kura".

Figura 1

**Għadd ta' tifqigħat tal-ilsien blu serotip BTV-1 fl-UE**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari.

Kaxxa 1

**L-istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Animali**

L-istrateġija tal-UE għas-saħħa tal-animali 2007-2013 tistabbilixxi l-għanijiet u l-azzjonijiet tal-UE. Din l-istrateġija għandha erba' għanijiet prinċipali:

1. Garanzija ta' livell għoli ta' saħħa pubblika u ta' sikurezza alimentari permezz tat-tnaqqis tal-inċidenza ta' riskji bijoloġiċi u kimiċi lill-umani.
2. Il-promozzjoni tas-saħħa tal-animali permezz tal-prevenzjoni/tat-tnaqqis tal-inċidenza tal-mard tal-animali, u b'dan il-mod l-appoġġ tal-agrikoltura u l-ekonomija rurali.
3. It-titjib ta' tkabbir/koeżjoni/kompetittività ekonomika li tiżgura ċirkolazzjoni ħielsa ta' oġġetti u movimenti proporzjonali tal-animali.
4. Il-promozzjoni ta' prattiki agrikoli u tal-benesseru tal-animali li jipprevenu t-theddid relatat mas-saħħa tal-animali u jimminimizzaw l-impatti ambjentali b'appoġġ tal-istrateġija tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE.

Dawn l-għanijiet ġew implimentati minn pjan ta' azzjoni ta' erba' pilastri:

1. Il-prijoritizzazzjoni tal-intervent tal-UE.
2. Il-qafas tal-UE tas-saħħa tal-animali.
3. Il-prevenzjoni, is-sorveljanza u l-istat ta' tħejjija.
4. Ix-xjenza, l-innovazzjoni u r-riċerka.

## Introduzzjoni

### 04

Il-Kummissjoni (id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari) hija responsabbli mill-ġestjoni tar-riskju fir-rigward tal-mard tal-annimali. L-Istati Membri u l-aġenziji speċjalizzati tal-UE — l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) — huma responsabbli mill-valutazzjoni tar-riskju. Mill-1982 'il hawn, l-UE kellha sistema ta' notifika għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' ċertu mard li jittieħed. Għal ċertu mard ta' dan it-tip, l-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni, bl-użu tas-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali<sup>5</sup> (ADNS), meta tfaqqa' xi marda kif ukoll meta tinqered, sabiex jiġi evitat it-tixrid tagħha fost il-bhejjem fl-UE.

5 Introdotta bid-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58).

### Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard tal-annimali

### 05

L-ispiża għall-indirizzar ta' tifqigħat preċedenti ta' mard, flimkien mar-riskju fl-indirizzar ta' tifqigħat ta' mard eżistenti jew ta' mard emerġenti fil-futur, juru l-importanza tal-miżuri veterinarji tal-UE. L-UE tiffinanzja programmi veterinarji tal-Istati Membri għal diversi mard u żoonożi (ara l-**Kaxxa 2**), taħt l-ewwel pilastru tal-Istrateġija għas-Saħħa tal-Annimali. L-oġġettivi ta' dawn il-programmi huma:

- li l-mard tal-annimali jiġi eliminat b'mod progressiv u li jiġu implimentati miżuri ta' monitoraġġ tal-mard fl-Istati Membri u fl-UE kollha kemm hi;
- li jiġi żgurat livell għoli ta' saħħa tal-annimali, saħħa pubblika u protezzjoni tal-konsumatur;
- li jiġi garantit livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-annimali kif ukoll tas-saħħa pubblika, li jitħeġġeġ titjib fil-produttività tas-settur tal-bhejjem u li jsir kontribut għas-sostenibbiltà ekonomika tas-setturi li huma affettwati, direttament jew indirettament, minn tfaqqigħa ta' marda tal-annimali.

#### Kaxxa 2

### Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ

**Programmi ta' Qerda:** L-għan huwa l-estinzjoni bijoloġika ta' marda tal-annimali jew żoonożi, biex fl-aħħar jirriżulta status ta' ħelsien jew "ħelsien uffiċjali" tat-territorju skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (eż. it-tuberkulożi bovina).

**Programmi ta' Kontroll:** L-għan huwa li tinżamm il-prevalenza ta' marda tal-annimali jew żoonożi taħt livelli sanitarji aċċettabbli (eż. is-salmonella).

**Sorveljanza / Monitoraġġ:** L-għan huwa li tinġabar u tiġi reġistrata *data* f'popolazzjonijiet iddefiniti sabiex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni epidemjoloġika tal-marda (eż. l-influenza avjarja).

Sors: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341.

## 06

Dawn il-programmi huma kategorizzati bħala programmi ta' qerda, kontroll, jew sorveljanza, u jkopru firxa wiesgħa ta' miżuri inkluż tilqim, ittestjar fuq l-annimali u kumpens għat-tbiċċir jew il-qtil.

## 07

Matul il-perjodu 2009-2014, il-baġit tal-UE ddedika EUR 1.3 biljun għal dawn il-programmi (ara t-**Tabella 1**), li jiffirma l-parti l-kbira tan-nefqa taħt il-baġit tal-UE għas-sikurezza alimentari. Normalment, ir-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE hija ta' 50 % tal-ispiża mġarrba mill-Istati Membri, sa ammont massimu. Il-mard tal-annimali u ż-żoonożi li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE huma elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009 u, mill-2014, fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 652/2014.

Tabella 1

### Impenji tal-UE għall-ispejjeż ta' programmi għall-perjodu 2009-2014 skont il-marda (miljun EUR)

Programm	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2009-2014	%
Deni Afrikan tal-ħnieżer	0.1	0.1	0.2	0.9	1.1	0.1	2.3	0.2 %
Marda ta' Aujeszky	2.8	2.3	0.0	0.0	0.0	0.0	5.2	0.4 %
Influenza avjarja	4.9	4.9	3.5	2.7	2.7	2.6	21.3	1.6 %
Ilsien blu	112.0	68.2	13.4	3.7	2.5	3.8	203.5	15.4 %
Bruċellożi bovina	11.8	8.6	10.1	8.0	7.3	10.3	56.0	4.2 %
Tuberkulożi bovina	26.3	53.4	67.9	70.7	63.9	64.2	346.4	26.2 %
Brucellosis melitensis	9.0	7.7	15.9	15.4	15.3	16.2	79.4	6.0 %
Deni klassiku tal-ħnieżer	5.1	4.3	3.7	3.4	3.0	2.6	22.1	1.7 %
Lewkożi (EBL)	3.0	2.4	0.0	0.0	0.0	0.0	5.3	0.4 %
Rabja	11.7	15.7	20.9	23.4	19.9	20.4	112.0	8.5 %
Salmonellożi	18.6	24.4	25.1	19.2	19.2	21.2	127.8	9.7 %
Marda vexxikulari tal-ħnieżer	0.5	0.3	0.7	0.9	1.1	0.8	4.3	0.3 %
TSE, BSE u scrapie	61.5	81.8	74.6	54.3	38.9	24.0	335.0	25.4 %
<b>Total</b>	<b>267.4</b>	<b>274.1</b>	<b>236.0</b>	<b>202.3</b>	<b>174.9</b>	<b>166.1</b>	<b>1 320.8</b>	<b>100.0 %</b>
<b>Baġit annwali bħala perċentwal tal-baġit totali għall-perjodu</b>	<b>20.2 %</b>	<b>20.8 %</b>	<b>17.9 %</b>	<b>15.3 %</b>	<b>13.2 %</b>	<b>12.6 %</b>	<b>100.0 %</b>	


Sors: Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari.

## 08

Aktar minn 50 % tal-ispejjeż huma kkonċentri f'erba' pajjiżi (Spanja, Franza, l-Italja u r-Renju Unit) (ara l-**Figura 2**).

**Figura 2**

### Livell tal-ispejjeż ta' programmi għall-perjodu 2009-2014 skont l-Istat Membru



Sors: Id-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari.

## 09

Fil-prattika, jista' jkun diffiċli ħafna biex il-mard tal-annimali jinqered. Pereżempju, it-tuberkulożi bovina u l-bruċellożi bovina għadhom ma nqerdux f'bosta Stati Membri, għalkemm sforzi biex jiġu kkontrollati jew biex jinqerdu ilhom stabbiliti għal aktar minn 50 sena. L-UE bdiet tiffinanzja programmi biex jinqered dan il-mard fis-snin sebgħin, żmien meta xi Stati Membri diġà kien ilhom li kellhom il-programmi nazzjonali proprji tagħhom għal ħafna snin. It-**Tabella 2** turi li jistgħu jgħaddu deċenni biex jinkiseb status ta' "ħelsien uffiċjali mill-mard", minkejja l-isforzi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, u minkejja l-avvanzi xjentifiċi u tekniċi kontinwi. Madankollu, xi pajjiżi avvanzaw aktar malajr minn oħrajn. Il-preżenza kontinwa ta' mard ta' dan it-tip twassal għal nefqa rikorrenti mill-baġit tal-UE fuq il-programmi ta' qerda.

Tabella 2

**Il-qerda tal-mard hija proċess li jieħu fit-tul**

Stat Membru	Tuberkulożi bovina			Bruċellożi bovina		
	L-ewwel programm ifffinanzjat mill-UE	Rikonoxximent ta' status ta' ħelsien uffiċjali mill-mard	Għadd ta' snin biex jinkiseb ħelsien uffiċjali mill-mard <sup>(a)</sup>	L-ewwel programm ifffinanzjat mill-UE	Rikonoxximent ta' status ta' ħelsien uffiċjali mill-mard	Għadd ta' snin biex jinkiseb ħelsien uffiċjali mill-mard <sup>(a)</sup>
L-Irlanda	1978 <sup>(b)</sup>	Għadha mhix ħielsa mill-mard		1978	2009	31
Spanja	1987	Għadha mhix ħielsa mill-mard		1987	Għadha mhix ħielsa mill-mard	
Franza	1978	2001	23	1978	2005	27
L-Italja	1980	Għadha mhix ħielsa mill-mard <sup>(c)</sup>		1980	Għadha mhix ħielsa mill-mard <sup>(c)</sup>	
Il-Polonja	2004	2009	5 <sup>(d)</sup>	2004	2009	5 <sup>(d)</sup>
Ir-Rumanija	Ma għandhiex programmi ifffinanzjati mill-UE	Għadha mhix ħielsa mill-mard <sup>(e)</sup>		Ma għandhiex programmi ifffinanzjati mill-UE, u rikonoxxuta bħala ħielsa mill-mard fl-2014		
Ir-Renju Unit	2000 <sup>(f)</sup>	Għadu mhux ħieles mill-mard		1978	2015	37

- <sup>(a)</sup> Mingħajr ma jiġu inklużi l-programmi nazzjonali preċedenti, li ilhom implimentati fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi għal deċenni qabel ma dawn irċevew finanzjament mill-UE għall-ewwel darba.
- <sup>(b)</sup> L-ewwel programm ifffinanzjat mill-UE kien fl-1978, iżda il-finanzjament mill-UE waqaf fl-2004 u reġa' beda fl-2009.
- <sup>(c)</sup> Ħafna mir-reġjuni issa huma uffiċjalment ħelsin.
- <sup>(d)</sup> Meta l-programmi kofinanzjati mill-UE bdew fl-2004, ir-rata ta' prevalenza fil-merħla kienet biss ta' 0.052 % għat-TB, u ta' 0.005 % għall-bruċellożi bovina.
- <sup>(e)</sup> Il-prevalenza fil-merħla hija insinifikanti.
- <sup>(f)</sup> L-ewwel programm ifffinanzjat mill-UE kien fis-sena 2000, iżda l-finanzjament mill-UE waqaf fl-2004 u reġa' beda fl-2010.

Sors: Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għall-finanzjament ta' programmi ta' qerda, u għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien uffiċjali, għall-Istati Membri awditjati.

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi li jinsabu barra mill-UE**

**10**

L-OIE, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, fil-linji gwida tagħha tal-2014 għall-kontroll tal-mard tal-annimali, tiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali u tindika li fejn ikun possibbli, il-pajjiżi għandhom jaġixxu fuq bażi reġjonali biex jarmonizzaw il-programmi ta' kontroll tal-mard. Dan huwa importanti peress li l-mard jista' jinġarr u jaqsam il-fruntieri, b'mod partikolari permezz ta' organiżmi selvaġġi. Fir-regolamenti ma hemm l-ebda dispożizzjoni biex il-Kummissjoni tiffinanzja direttament programmi veterinarji li jitwettqu barra mill-UE. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jaqblu direttament ma' pajjiżi ġirien mhux tal-UE dwar azzjonijiet veterinarji (bħal kampanji ta' tilqim fuq strixxa art fil-fruntiera) u jinkludu l-ispejjeż relatati bħala sottoprogrammi tal-programmi veterinarji tagħhom ifffinanzjati mill-Kummissjoni.

## Introduzzjoni

### 11

Fir-rigward tal-programmi għar-rabja, fl-2015 kien hemm erba' sottoprogrammi li twettqu f'pajjiżi mhux tal-UE: ir-Russja (parti mill-programm Finlandiż), il-Belarużja (parti mill-programmi Latvjanj u Litwani) u l-Ukrajna (parti mill-programm Pollakk mill-2012 'il hawn). Ħamsa oħra kienu fl-istadju ta' ppjanar: ir-Russja (parti mill-programm Estonjan), l-Ukrajna (parti mill-programm Ungeriż), il-Moldova (parti mill-programm Rumun), il-Bożnija-Ħerzegovina (parti mill-programm Kroat) u l-Belarużja parti mill-programm Pollakk). Minħabba fil-kumplessità tad-diversi relazzjonijiet bilaterali, jista' jkun ta' sfida li tiġi żgurata kooperazzjoni suffiċjenti għal implimentazzjoni effettiva ta' sottoprogrammi li jitwettqu barra mill-UE.

### 12

Il-Kummissjoni ħadet miżuri oħra biex tarmonizza l-programmi ta' kontroll tal-mard li jitwettqu, ma' pajjiżi mhux tal-UE. Fl-2011, id-DĠ Tkabbir u d-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari niedu proġett ta' Strument għal Qabel l-Adeżjoni biex jingħata appoġġ għall-kontroll u l-qerda ta' mard tal-annimali (eż. ir-rabja u d-deni klassiku tal-ħnieżer) f'seba' pajjiżi benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent: l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u l-Kosovo. Kien hemm bejn wieħed u ieħor EUR 100 miljun disponibbli għall-proġett.

## Rwoli u responsabbiltajiet prinċipali

### 13

Il-Kummissjoni (id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari) timmaniġġja l-ADNS u tikkoordina miżuri ta' emerġenza f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-annimali li tittieħed. Il-Kummissjoni timplimenta nefqiet tal-programmi veterinarji taħt ġestjoni diretta. L-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO) tad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari jivverifika li qed jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-UE għas-sikurezza u l-kwalità tal-ikel, u l-miżuri veterinarji.

### 14

Deċiżjoni tal-Kummissjoni mill-2008<sup>6</sup> tistipula l-kriterji għal programmi tal-Istati Membri sabiex jiġu approvati għal finanzjament mill-UE. Hija tipprovdi li fl-Istati Membri, il-programmi għandhom ikunu taħt il-kontroll tal-awtorità veterinarja ċentrali. Il-programmi għandu jkun fihom miri, b'miri interim ta' darba fis-sena jekk il-programm ikun pluriennali; u indikaturi xierqa (bħalma huma l-inkidenza u l-prevalenza) għandhom jiġu stabbiliti u għandu jsir rappurtar dwarhom. L-implimentazzjoni u l-ġestjoni dettaljati tal-programmi, inkluża kwalunkwe kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, huma kompetenza tal-Istati Membri.

6 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44).

## Introduzzjoni

### 15

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw il-proposti tagħhom għal programmi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju<sup>7</sup> tas-sena preċedenti. Dawn il-programmi jistgħu jitwaqqfu bħala programmi annwali jew pluriennali. Il-maġġoranza tal-programmi huma annwali.

### 16

Il-Kummissjoni tivvaluta l-kwalità tal-programmi proposti tal-Istati Membri, bl-użu ta' kriterji stabbiliti u, meta dan ikun iġġustifikat b'mod epidemiku, tteġġeg il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tal-fruntiera. Mill-2013 'il hawn, il-Kummissjoni użat assistenza esperta għal dan il-proċess ta' valutazzjoni. Il-lista ta' programmi tiġi ppreżentata lill-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF). Il-Kummissjoni taġġusta l-allokazzjoni ta' finanzjament għal mard differenti u Stati Membri differenti kull sena abbażi tal-valutazzjoni tagħha ta' ħtiġijiet li jkunu qed jevolvu. Kwalunkwe bidla tiġi diskussa mal-Istati Membri permezz tal-PAFF. Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni hija bbażata fuq *data* ppreżentata mill-Istati Membri, rapporti tal-FVO, rapporti tal-awditjar finanzjarju, u riżultati ta' Task Force speċifika magħmula minn esperti tal-Istati Membri. Aktar dettalji tar-responsabbiltajiet prinċipali huma mfissra fl-**Anness II**.

### 17

Deċiżjoni tal-Kummissjoni mill-2008<sup>8</sup> tiddefinixxi rekwiżiti tar-rappurtar standard, inklużi mudelli u skedi tar-rappurtar, li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għal rappurtar lill-Kummissjoni. Matul l-implimentazzjoni tal-programmi, l-Istati Membri jibagħtu rapport intermedju li jiġi vvalutat mill-Kummissjoni u li jista' jirriżulta f'emenda tal-miri u l-ispejjeż tal-programmi, u riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn il-programmi. Rapporti finali u applikazzjonijiet ta' ħlas iridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sat-30 ta' April tas-sena ta' wara, inkluża l-valutazzjoni tar-riżultati miksuba u rendikont dettaljat tan-nefqa mġarrba.

7 L-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014.

8 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/940/KE tal-21 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi r-rekwiżiti standard għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u mard zoonotiku tal-animali kofinanzjati mill-Komunità (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 61).



# Ambitu u approċċ tal-awditjar

## 18

L-awditu eżamina jekk il-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard tal-annimali irażżnux il-mard tal-annimali b'mod adegwat.

## 19

Il-mistoqsijiet dettaljati kienu:

- (i) Il-Kummissjoni kellha approċċ xieraq għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali?
- (ii) L-Istati Membri fasslu u implimentaw programmi xierqa għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali?
- (iii) Il-programmi qiesu l-kosteffettività b'mod adegwat?

## 20

L-xogħol tal-awditjar twettaq fil-Kummissjoni (id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari) u f'seba' Stati Membri (l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Polonja<sup>9</sup>, ir-Rumanija u r-Renju Unit) li flimkien jirrappreżentaw 72 % tan-nefqa totali, u varjetà ta' mard differenti<sup>10</sup>. Inkisbu wkoll il-fehmiet tal-organizzazzjonijiet tal-gruppi prinċipali tal-partijiet interessati (bdiewa, servizzi veterinarji u laboratorji), u bord tal-esperti organizzat mill-Qorti.

## 21

L-awditu eżamina l-proċeduri li l-Kummissjoni użat biex tiddefinixxi l-istrateġija u biex tapprova l-programmi nazzjonali annwali u pluriennali ppreżentati mill-Istati Membri. Dan kien jinkludi eżaminar ta' opinjonijiet u komunikazzjonijiet rilevanti mis-servizzi tal-Kummissjoni (inkluż l-FVO), mill-kumitati regolatorji (il-PAFF, it-Task Force), mill-aġenziji (l-EFSA), u ta' rieżamijiet mill-esperti inizjat mill-Kummissjoni.

## 22

Minbarra l-programmi ta' hawn fuq, l-UE tiffinanzja wkoll miżuri ta' emerġenza biex jiġu indirizzati tifqigħat serji ta' mard tal-annimali. L-awditu ma eżaminax dawn il-miżuri billi n-nefqa tirrappreżenta madwar 10 % tan-nefqa fuq il-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ.

9 Fil-Polonja, ix-xogħol tal-awditjar twettaq b'mod konġjunt mal-Uffiċċju Suprem Pollakk tal-Awditjar.

10 Total ta' 24 programm tal-Istati Membri ġew eżaminati għall-mard li ġej: Tuberkulożi bovina, bruċellożi bovina, bruċellożi ovina u kaprina, enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu, ilsien blu, rabja, deni klassiku tal-ħnieżer u deni Afrikan tal-ħnieżer, influwenza avjarja, u salmonella zoonotika. Informazzjoni ta' sfond dwar dan il-mard hija inkluża fl-**Anness I**.

### 23

L-awditu fil-livell tal-Istati Membri eżamina strateġiji nazzjonali, għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-animali, il-kriterji użati mill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' programmi, u kif il-programmi qed jiġu implimentati fil-prattika. Inżaru awtoritajiet veterinarji kompetenti tal-Istati Membri, u awtoritajiet reġjonali rilevanti. L-awditu kien jinkludi ttestjar sostantiv sabiex jiġi ċċekkjat jekk l-azzjonijiet iffinanzjati twettqux kif ippjanat u jekk l-ispejjeż kinux raġonevoli.


## 24

Skont l-OIE<sup>11</sup>, l-għan mixtieq ta' programm ta' kontroll tal-mard għandu jiġi ddefinit mill-bidu nett. Filwaqt li l-qerda kienet tradizzjonalment l-għan għal ħafna programmi ta' kontroll tal-mard, din mhux dejjem setgħet tinkiseb. Għandhom jiġu stabbiliti objettivi u indikaturi speċifiċi li jwasslu għas-suċċess tal-programm. Il-**Figura 3** tippreżenta passi għall-istabbiliment ta' programm ta' kontroll tal-mard.

11 L-OIE, "Guidelines for Animal Disease Control" (Linji Gwida għall-Kontroll tal-Mard tal-Animali), 2014.

Figura 3

### Passi għall-istabbiliment ta' programm ta' kontroll tal-mard



Sors: L-OIE, "Guidelines for Animal Disease Control" (Linji Gwida għall-Kontroll tal-Mard tal-Animali), 2014.

## 25

Minħabba fis-sitwazzjoni kumplessa u eteroġeni għal dak li jikkonċerna l-mard tal-annimali fl-UE, huwa importanti li l-Kummissjoni tapplika qafas tajjeb għall-prijoritizzazzjoni tal-isforzi tagħha ta' finanzjament, għall-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri, għall-għoti ta' gwida u għall-faċilitar tal-aħjar prattiki. Dan għandu jinkludi rappurtar xieraq dwar il-prestazzjoni.

### Filwaqt li, b'mod ġenerali, l-approċċ tal-Kummissjoni għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali kien tajjeb,

#### 26

L-awditu identifika li, b'mod ġenerali, l-approċċ tal-Kummissjoni għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ taż-żoonożi u ta' mard ieħor tal-annimali kien tajjeb u appoġġat minn parir tekniku xieraq u analiżi tar-riskju biex jiġu indirizzati riskji / tifqigħat li kienu qed jevolvu.

#### 27

Il-politika tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali hija żviluppata tajjeb, b'regoli għall-identifikazzjoni, it-traċċabbiltà, il-benesseru, it-tifqigħat u l-kontrolli sanitarji. Dan huwa essenzjali wkoll biex il-kummerċ jiġi ffaċilitat. Madankollu, il-qafas leġiżlattiv attwali tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali jinvolti kważi 50 direttiva u regolament bażiċi u xi 400 punt ta' leġiżlazzjoni sekondarja, li l-adozzjoni ta' xi wħud minnhom tmur lura sal-1964. Huwa skedat li din it-tiżwiqa leġiżlattiva kumplessa tiġi konsolidata u sostitwita b'Liġi ġdida dwar is-Saħħa tal-Annimali<sup>12</sup>, li għaliha ntlaħaq qbil politiku f'Ġunju 2015. Mill-2007 'l quddiem, programmi tal-UE ta' qerda, monitoraġġ u kontroll kienu parti mill-istrateġija tal-UE għas-saħħa tal-annimali, li skadiet fl-2013 u li għadha ma ġietx sostitwita — sakemm tiġi adottata l-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa tal-Annimali.

#### 28

B'mod ġenerali, aħna qiesna li l-approċċ tal-Kummissjoni, ibbażat fuq il-finanzjament ta' programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ prijoritarji fil-livell tal-Istati Membri, huwa raġonevoli. Il-qafas għall-immirar ta' riżorsi lejn programmi relatati mal-mard tal-annimali huwa bbażat fuq valutazzjonijiet annwali mill-Kummissjoni ta' prijoritajiet ta' finanzjament (b'kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet bħalma huma l-impatt fuq is-saħħa pubblika, it-telf tal-produzzjoni, u l-kwistjonijiet kummerċjali), li ġew diskussi ma' esperti tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha wkoll sistema tajba għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-programmi li jiġu proposti mill-Istati Membri, li tinvolvi l-użu ta' kriterji komprensivi tal-valutazzjoni li jkopru aspetti bħalma huma ċ-ċarezza tal-oġġettivi u l-ġestjoni tal-programmi, l-evoluzzjoni storika tal-marda mmirata, il-ġustifikazzjoni xjentifika u l-effiċjenza tal-miżuri proposti. Il-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi bejn il-mard ma ġewx żviluppati biżżejjed għall-programmi awditjati. Madankollu, bl-adozzjoni ta' approċċ għal programmi ta' ħidma pluriennali għall-2016–2017 u l-gwida relatata tal-Kummissjoni, din il-prijoritizzazzjoni qed tittejjeb gradwalment.

12 COM(2013) 260 final tas-6 ta' Mejju 2013 "Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Saħħa tal-Annimali". Il-proposta tkopri annimali terrestri u akkwatiċi u tikkonsisti f'rekwiżiti għall-prevenzjoni tal-mard; kuxjenza dwar il-mard; bijosigurtà; traċċabbiltà tal-annimali; sorveljanza u kontroll u qerda tal-mard; u miżuri ta' emerġenza. Hija tbassar rieżami tar-regoli attwali dwar l-identifikazzjoni għaż-żwiemel u għal speċijiet oħra li għalihom, attwalment, ma jeżisti l-ebda rekwiżit speċifiku. Hija tippjana wkoll għal politika koerenti ta' tilqim fl-UE, b'qafas għal banek ta' antiġeni, ta' vaċċini u ta' dijanjostika fil-livell tal-UE. Fl-1 ta' Ġunju 2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar din il-proposta.

### 29

Il-mard tal-annimali mhuwiex ristrett mill-fruntieri tal-pajjiżi. Il-mard jista' jixtered permezz ta' movimenti kemm tal-annimali tal-azjendi agrikoli u kemm daww selvaġġi, kif ukoll permezz ta' vetturi oħra. Għalhekk, il-programmi jkunu jissaħħu permezz ta' koordinazzjoni tajba bejn il-pajjiżi meta din tkun iġġustifikata b'mod epidemiku. Madankollu, ma hemm l-ebda rekwiżit legali biex l-Istati Membri jippreżentaw programmi kkoordinati, u lanqas biex jaħdmu flimplimentazzjoni tagħhom.

### 30

Aħna sibna li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni tipprovdi gwida xierqa lill-Istati Membri u tiffaċilita l-koordinazzjoni bejniethom:

- Hemm kuntatti regolari bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf<sup>13</sup> u laqgħat tal-Uffiċjali Kapijiet Veterinarji tal-Istati Membri.
- It-Task Forces<sup>14</sup> jiġbru flimkien persuni mill-Istati Membri li huma esperti f'mard speċifiku, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet għal titjib ta' programmi veterinarji.
- Il-Kummissjoni tuża esperti esterni għar-rieżami ta' programmi proposti abbażi ta' kriterji komprensivi tal-valutazzjoni.
- L-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni jwettaq awditi fl-Istati Membri.
- Is-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali tippermetti notifika rapida ta' tifqigħat ta' mard.
- Laboratorji ta' referenza tal-UE<sup>15</sup> jaħdmu biex jistandardizzaw u jtejbu l-metodoloġiji.
- Il-Kummissjoni tipprovdi korsijiet ta' taħriġ<sup>16</sup> lill-uffiċjali tal-Istati Membri.
- Mill-2014 'il quddiem, id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari pprovda gwida dwar l-użu ta' applikazzjoni online ġdida, u l-formats standard li għandhom jintużaw mill-Istati Membri, mitluba mir-Regolamenti, jiżguraw ċerta armonizzazzjoni u kwalità.

- 13 Mill-inqas laqgħa waħda tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (Kumitat dwar il-PAFF) tiġi organizzata kull xahar, fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiddiskutu kwistjonijiet veterinarji, inkluż l-eżitu tal-programmi veterinarji.
- 14 Darba fis-sena ssir laqgħa plenarja tat-Task Force dwar il-qerda tal-mard tal-annimali, fejn l-Istati Membri kollha jiġu mistiedna jipparteċipaw; gruppi ta' ħidma speċifiċi addizzjonali dwar mard speċifiku jiġu organizzati regolarmet u jiltaqgħu bosta drabi kull sena (eż. sottogrupp dwar is-salmonella).
- 15 Il-missjoni ta' kull laboratorju ta' referenza tal-UE hija li jistandardizza metodoloġiji fil-livell tal-UE, li jikkoordina mal-Istati Membri fir-rigward ta' metodi dijanjostiċi, li jorganizza provi komparattivi, u li jorganizza sessjonijiet annwali ta' ħidma għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali fejn l-esperti tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu networking, jaġġornaw l-għarfien tagħhom u jikkondividu l-informazzjoni u l-aħjar Prattika.
- 16 Taħriġ imtejjeb għal iżjed sikurezza fl-ikel (BTSF).


31

L-eżistenza ta' qafas ta' kofinanzjament tal-UE tipprovdi aktar inċentivi biex l-Istati Membri jeqirdu l-mard tal-annimali, inkluża ż-żoonożi, u kien hemm xi suċċessi notevoli. Hija wasslet ukoll għal impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-bniedem, bi ffrankar riżultanti tal-ispejjeż. Pereżempju, fl-2012, l-EFSA stmat<sup>17</sup> li l-piż ekonomiku kumplessiv tas-salmonellożi tal-bniedem seta' jkun daqs EUR 3 biljun fis-sena. Fi snin reċenti l-għadd ta' każijiet naqas b'mod sinifikanti, kif jintwera fil-**Figura 4**. L-EFSA kkonkludiet<sup>18</sup> li dan it-tnaqqis huwa prinċipalment ir-riżultat ta' programmi, imwettqin mill-Istati Membri u li kellhom suċċess, ta' kontroll tal-marda tas-salmonella fit-tjur (*Gallus gallus*), li naqqsu l-okkorrenza tas-salmonella fil-bajd.

17 Sors: Skeda informattiva tal-EFSA dwar is-salmonella.  
 18 Rapport ta' sinteżi tal-UE, mill-EFSA / ECDC, dwar iż-żoonożi, aġenti zoonotici u tifqigħat li jinġarru fl-ikel, l-2012. L-ammont ta' EUR 3 biljun huwa l-livell oġġha tal-istima.

Figura 4

Salmonella zoonotika — Għadd ta' każijiet umani fl-UE u fl-Istati Membri awditjati



Sors: Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari.

## Osservazzjonijiet tal-Awditjar

### 32

Eżempju ieħor huwa r-rabja fejn, bejn l-2005 u l-2014, l-għadd totali ta' każijiet ta' rabja fil-livell tal-UE naqas b'mod sinifikanti ħafna minn 3 708 każijiet għal 305 fl-UE 28.


### 33

Il-miżuri implimentati mill-Kummissjoni biex teqred il-BSE fl-UE rnexxew b'mod partikolari. L-għadd ta' każijiet ta' BSE naqas minn aktar minn 2 000 każ fl-2001, għal 10 fl-2014, kif huwa indikat fil-**Figura 5**. Il-miżuri prinċipali meħuda jinkludu t-tneħħija ta' Materjal Riskjuż Speċifikat<sup>19</sup> mill-katina tal-għalf u mill-katina alimentari; projbizzjoni fuq l-għalf bl-użu ta' dqiġ mil-laħam u l-għadam mitħun tal-mammiferi lill-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż; u l-ittestjar ta' miljuni ta' frat kull sena. L-aġġornamenti frekwenti tal-leġiżlazzjoni fis-snin reċenti u l-finanzjament tar-riċerka wasslu għal ittestjar aktar limitat u mmirat aħjar għall-BSE. Il-Kummissjoni tikkoordina tajjeb fil-livell internazzjonali u b'mod partikolari mal-OIE, f'dak li jikkonċerna l-kategorizzazzjoni tal-Istati Membri fuq il-livell ġeografiku ta' riskju tal-BSE. Il-programmi għall-qerda tat-tuberkulożi bovina jsegwu wkoll approċċ fuq terminu twil, u x-xejra tal-prevalenza tal-mard qed tonqos fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri. Dawn iż-żewġ mardiet jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor nofs l-infiq tal-programmi tal-UE (ara t-**Tabella 1**).

<sup>19</sup> Dawn huma t-tessuti tal-annimali li huma l-aktar f'riskju li jospitaw l-aġent infettuż, u jinkludu pereżempju l-imħuħ u s-sinsla tad-dahar. Ara l-**Annex I** għal aktar dettalji dwar il-BSE.

Figura 5

### Għadd ta' każijiet ta' BSE fl-UE



Sors: Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari.

### u li, b'mod ġenerali, il-programmi tal-Istati Membri tfasslu u ġew implimentati tajjeb,

#### 34

L-Istati Membri huma responsabbli mit-tnejnija tal-programmi tagħhom ta' qerda, kontroll u monitoraġġ, li jindirizzaw il-prijoritajiet speċifiċi tagħhom f'dak li jikkonċerna l-mard tal-annimali, ibbażat fuq indikaturi xierqa. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-Istati Membri għandhom snin ta' esperjenza fl-indirizzar tal-mard differenti tal-annimali. Il-Kummissjoni tista' titlob, iżda ma tistax tisforza, lill-Istati Membri jipproponu programmi kif ukoll jibdlu l-istrateġija tagħhom. Barra minn hekk, meta sseħħ tifqigħa li tippreżenta riskju ta' infezzjoni transkonfinali, l-Istati Membri huma obbligati jimplementaw miżuri speċifiċi pprovduti mil-leġiżlazzjoni settorjali, sew jekk dawn il-miżuri humiex kofinanzjati mill-UE u sew jekk le.

#### 35

Il-programmi tal-Istati Membri jridu jissodisfaw il-kriterji minimi stabbiliti<sup>20</sup> mill-Kummissjoni sabiex ikunu eliġibbli għal finanzjament Komunitarju. Dawn il-kriterji jirrikjedu li l-programmi jkun fihom informazzjoni dwar, fost l-oħrajn, objettivi, tul, miri, indikaturi (eż. inċidenza u prevalenza tal-mard), ittestjar fuq l-annimali, tilqim, u amministrazzjoni. Il-kumplessità tal-programmi hija marbuta mill-qrib mal-karatteristika epidemjoloġika tal-marda kkonċernata. Il-programmi jistgħu jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri bħal: reġim komprensiv ta' sorveljanza, kampjunar tad-demem, miżuri speċifiċi għall-identifikazzjoni ta' reatturi<sup>21</sup>, eżaminar *post mortem*, analiżi fil-laboratorju, skemi ta' kumpens għall-bdiewa, sorveljanza ta' organiżmi selvaġġi, u sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni tal-ittestjar u tal-mard.

#### 36

Il-Qorti sabet li, b'mod ġenerali, il-programmi tal-Istati Membri, li eżaminajna, jitfasslu tajjeb u huma adattati għas-sitwazzjoni epidemjoloġika. Il-programmi approvati kienu jikkonformaw mal-kriterji mitluba, normalment kienu jiddeskrivu tajjeb il-miżuri li kellhom jittieħdu, kienu jsegwu l-mudelli standard tal-Kummissjoni, u ġeneralment wasslu għal riżultati pożittivi (ara l-**Kaxxa 3**). L-Istati Membri għandhom sistemi adegwati stabbiliti biex jidentifikaw tifqigħat ta' mard tal-annimali fl-ifrat u biex jiffaċilitaw il-qerda tagħhom. Is-Sistema Esperta ta' Kontroll tal-Kummerċ (TRACES) għall-identifikazzjoni u l-kontroll tal-movimenti tal-annimali hija żviluppata tajjeb u tiffaċilita l-kontroll tal-mard.

20 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE.

21 Reattur huwa animal infettat li jirrispondi pożittivament għal test għall-marda.



## Prestazzjoni tajba minn programm ta' Stat Membru

Il-programmi dwar it-TSE jiġu implimentati u kofinanzjati mill-UE fl-Istati Membri kollha u rċevew parti kbira tal-finanzjament mill-UE għal programmi veterinarji matul il-perjod awditjat (ara t-**Tabella 1**).

Fl-Irlanda, il-programm irċieva total ta' EUR 17-il miljun mill-2009 sal-2014. Filwaqt li l-fondi tal-UE tnaqqsu minn EUR 4.7 miljun fl-2010 għal EUR 0.8 miljun fl-2014, inkisbet prestazzjoni tajba, partikolarment minħabba:

- Sistemi attivi u passivi ta' sorveljanza mmirati lejn id-detezzjoni ta' każijiet ta' BSE.
- Jekk jiġi identifikat każ tal-marda, jitwettqu investigazzjonijiet epidemjoloġiċi u jitbiċċru l-animali koorti u wild.
- Projbizzjoni ta' għalf ta' animali tal-azjendi agrikoli bl-użu ta' prodotti li joriġinaw mill-animali

Fl-2014, ma kien hemm l-ebda każ ta' BSE fl-Irlanda. Dan jitqabbel ma' tliet każijiet fl-2012 u fl-2011, u l-quċċata ta' aktar minn 400 każ fis-snin disgħin.

## huwa diffiċli li tiġi ddeterminata l-kosteffettività tal-programmi,

### 37

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill<sup>22</sup> dwar in-nefqa veterinarja kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull erba' snin, dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-animali u dwar l-effikaċja, fid-dawl tal-ispejjeż magħmula, tal-implimentazzjoni tal-programmi veterinarji.

### 38

Il-gwida tal-OIE<sup>23</sup> tipprovdi li d-deċiżjoni dwar l-għażliet ta' intervent l-aktar xierqa għandhom iqisu kunsiderazzjonijiet ta' kostbenefiċċju kif ukoll il-potenzjal zoonotiku u l-probabbiltà ta' suċċess ta' sett partikolari ta' miżuri ta' kontroll tal-mard.

22 L-Artikolu 41 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE.

23 L-OIE, "Guidelines for Animal Disease Control" (Linji Gwida għall-Kontroll tal-Mard tal-Animali), Mejju 2014.

## 39

Kif huwa indikat fit-**Tabella 1**, l-ispiża diretta annwali għall-baġit tal-UE, fir-rigward tal-programmi veterinarji, hija ta' madwar EUR 200 miljun kull sena. Minbarra dan, l-Istati Membri jonfqu ammont akbar, biex ikopru kemm sehemhom tal-ispejjeż tal-programmi ffinanzjati, kif ukoll azzjoni veterinarja oħra li huma jkunu ddeterminaw bħala li hija meħtieġa. Barra minn hekk, il-bdiewa u s-settur alimentari jgħorru l-ispejjeż marbuta ma' nefqiet veterinarji, sostituzzjoni ta' merħliet, produzzjoni mnaqqsa, restrizzjonijiet fil-movimenti tal-annimali, u swieq mitlufa. Il-benefiċċji potenzjali tal-programmi jistgħu jiġu ggruppati f'żewġ kategoriji prinċipali<sup>24</sup>:

- it-titjib kemm tas-saħħa pubblika kif ukoll ta' dik tal-annimali: it-tnaqqis tal-prevalenza/inċidenza tal-mard; is-salvagwardja tas-saħħa pubblika (fil-każ taż-żoonożi); u l-issodisfar tar-rwol tagħhom bħala għodda ewlenija ta' prevenzjoni/ta' ġestjoni tal-mard fil-kuntest tal-istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali;
- benefiċċji f'termini ekonomiċi għall-UE kollha kemm hi: il-protezzjoni tal-valur tas-settur; kontribut għall-istabbiltà tas-suq; l-iżgurar ta' kummerċ ħieles; iż-żieda fil-kummerċ barra l-UE; u t-tnaqqis tal-ispejjeż għas-saħħa tal-bniedem.

## 40

Fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni trid issegwi l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba<sup>25</sup>, u l-azzjonijiet iffinanzjati għandhom ikunu ekonomiċi, effiċjenti u effettivi. Dan jimplika li r-riżultati tal-programmi għandhom ikunu ġustifikabbli f'dak li huwa relatat mal-ispejjeż tagħhom. Il-Qorti tagħraf li, fil-prattika, huwa diffiċli ħafna li jiġu monetizzati l-benefiċċji għas-saħħa li jiġu mill-politika dwar is-saħħa tal-annimali, partikolarment għaż-żoonożi, fejn il-benefiċċju prinċipali huwa l-evitar tal-infezzjoni umana u, f'xi każijiet, li jiġu salvati ħajjiet.

### **Hemm nuqqas ta' mudelli disponibbli għall-valutazzjoni tal-kosteffettività tal-programmi ta' qerda.**

## 41

L-awditu nnota nuqqas ta' mudelli u indikaturi ekonomiċi disponibbli li jkunu jippermettu li l-Kummissjoni twettaq analiżi tal-kosteffettività tal-programmi proposti, u konsegwentement il-Kummissjoni ma twettaqx analiżi ta' dan it-tip. Fir-rapport l-aktar reċenti (2014) tagħha dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-kosteffettività tal-programmi veterinarji, li kien meħtieġ mid-Deċiżjoni ta' bażi tal-Kunsill, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar spejjeż u riżultati. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għarfet li kien hemm ħtieġa li l-kosteffettività tan-nefqa veterinarja tintwera aħjar.

24 Mill-konklużjonijiet tar-Rapport tal-2014 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-programmi kofinanzjati mill-UE.

25 L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298 26.10.2012, p. 1).

**42**

Fil-prattika, l-informazzjoni li kien hemm fil-programmi approvati u r-rapporti sussegwenti ta' implimentazzjoni jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż, u wkoll indikaturi relatati mal-attivitajiet u l-prestazzjoni. Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-ispejjeż (kampjunar, analiżi fil-laboratorji, salarju ta' veterinarji, spejjeż għall-kumpens, eċċ.) u l-benefiċċju kwalitattiv (saħħa pubblika, opportunità mtejba ta' esportazzjoni, eċċ.) kienu indikati fil-programmi, kien hemm nuqqas ta' mudelli u informazzjoni disponibbli biex tiġi vvalutata l-kosteffettività tal-attivitajiet iffinanzjati. Pereżempju, ir-reazzjoni tal-UE għall-kriżi tal-BSE salvat il-ħajjiet, ikkontribwiet għal sikurezza alimentari aħjar, tejbet il-kwalità tal-kontrolli, u kisbet mill-ġdid il-fiduċja tal-konsumaturi — iżda l-kosteffettività tal-programm ma tistax tiġi vvalutata.

**43**

Aħna eżaminajna wkoll jekk kienx hemm evidenza li l-ispejjeż imġarrba mill-programmi awditjati kinux raġonevoli. L-awditu nnota ċerti każijiet, li l-Kummissjoni kienet identifikat preċedentement, fejn xi spejjeż kienu għoljin wisq, jew mhux ikkontrollati biżżejjed mill-Istati Membri, kif jintwera fil-**Kaxxa 4**. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni ħadet azzjoni ta' rimedju.

**Kaxxa 4****Azzjonijiet mhux ikkontrollati biżżejjed jew spejjeż għoljin**

1. Fil-Polonja, il-vaċċini użati fil-programmi annwali ta' qerda tar-rabja nxtraw fil-livell reġjonali. Bejn l-2002 u l-2009 l-għadd ta' każijiet ta' rabja maqbudin fil-popolazzjoni tal-volprijiet naqas b'mod sinifikanti ħafna, minn 884 għal 6. Madankollu, fl-2010 u fl-2011 l-għadd ta' każijiet maqbudin reġa' tela' b'mod rapidu, għal 117 u 103 rispettivament. Dawn kienu kkonċentrati fir-reġuni ta' Małopolska u Podkarpackie. Il-prezz medju ta' wieħed mill-vaċċini li nxtraw fil-Polonja biex jintużaw fuq il-volprijiet selvaġġi mill-2011 sal-2013 kien sinifikattivament ogħla mill-prezz medju mħallas fl-UE, għalkemm il-volumi ta' vaċċini furnuti lill-Polonja kienu wkoll l-ogħla fl-UE (aktar minn 10 miljun doża kull sena). Minħabba l-ekonomiji ta' skala dan ma jidherx loġiku. Il-Kummissjoni applikat tnaqqis finanzjarju u talbet lill-awtoritajiet Pollakki jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-prezzijiet eċċessivi tal-vaċċini, notevolment billi jorganizzaw sejħa nazzjonali unika għall-offerti.
2. Fir-Rumanija, l-awtoritajiet nazzjonali ma kkontrollawx korrettement l-implimentazzjoni tal-kuntratti għad-distribuzzjoni mill-ajru ta' vaċċini kontra r-rabja biex jintużaw fuq il-volprijiet selvaġġi fl-2013, u ġie distribwit għadd insuffiċjenti ta' vaċċini. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali ma ħadux biżżejjed kampjuni biex jittestjaw l-effettività tal-kampanja ta' tilqim (il-proċeduri ttejbu fl-2014). B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni ma rrimborżatx il-kampanja ta' tilqim.

## F'xi każijiet, l-ammonti li tħallsu bħala kumpens, jew it-tnaqqis fil-pagamenti kellhom effett limitat ta' inċentiv

### 44

Il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li l-kumpens pagabbli lill-bdiewa, għall-annimali maqtula taħt programmi ta' qerda tal-mard, ma jkunx jaqbeż il-valur tas-suq għall-annimali b'saħħithom<sup>26</sup>. Dan għandu l-għan li jissettja livell ġust ta' kumpens; li jiskoraġġixxi l-frodi; u li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-bdiewa fil-programm. Madankollu, il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tispeċifikax kif il-prezzijiet tas-suq għandhom jiddeterminaw il-kumpens pagabbli; dan jiġi ddeterminat mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni speċifika. Pereżempju, ma hemm l-ebda rekwiżit biex l-Istati Membri jibbażaw l-ammonti ta' kumpens fuq l-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi u l-prezzijiet assoċjati tagħhom<sup>27</sup>. Kumpens eċċessiv jista' jiskoraġġixxi l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' bijosigurtà.

### 45

Fl-Italja, il-livelli ta' kumpens imħallsa għall-annimali maqtula taħt programmi veterinarji kienu kultant ogħla mill-prezzijiet tas-suq għall-annimali b'saħħithom. Pereżempju, fl-2012, il-bdiewa rċevew medja ta' EUR 87 u sa EUR 111 għal kull nagħġa maqtula taħt programmi ta' qerda; iżda, f'dak iż-żmien, il-prezz medju tas-suq għal karkassi minn nagħaġ b'saħħtu li kien inqatel kien inqas minn EUR 60<sup>28</sup>. F'każijiet fejn il-kumpens kien jaqbeż il-prezz tas-suq, id-detezzjoni ta' mard tal-annimali f'azzjenda agrikola tista' titqies opportunità imprevista biex il-popolazzjoni tal-merħla tiġġedded. Barra minn hekk, bdiewa li, inkella, setgħu taw importanza lill-istatus "ħieles mill-mard" jistgħu jiġu skoraġġuti milli jimplimentaw miżuri effettivi ta' bijosigurtà.

### 46

Fir-Renju Unit, il-kumpens pagabbli għall-ifrat fl-Ingilterra huwa bbażat fuq prezzijiet medji tas-suq mix-xahar preċedenti. Il-kumpens għall-ifrat fl-Irlanda ta' Fuq u f'Wales huwa bbażat fuq valwazzjonijiet individwali li ġeneralment iwasslu għal livelli ogħla ta' kumpens milli fl-Ingilterra, u li jista' jiskoraġġixxi lill-bdiewa milli jimplimentaw miżuri effettivi ta' bijosigurtà.

### 47

Wara valutazzjoni mhux favorevoli tar-riżultati tekniċi tal-programmi ta' qerda tal-bruċellożi bovina u ovina f'reġjun tal-Italja (Sqallija), il-Kummissjoni imponiet tnaqqis fil-pagamenti ta' aktar minn EUR 7 miljun għas-snin 2005 sa 2012. Fl-2011, fi Sqallija l-programm kollu kemm hu kontra l-bruċellożi ġie ddikjarat ineliġibbli minħabba nuqqas ta' prestazzjoni ta' pjan ta' tilqim. Madankollu, billi applikaw is-sistema nazzjonali ta' allokkazzjoni tar-riżorsi bejn ir-regġuni, l-awtoritajiet Taljani ma għaddewx dan il-livell ta' tnaqqis lill-awtoritajiet regġonali fi Sqallija, iżda pjut-tost ikkondividewh fost ir-regġuni Taljani kollha (li l-maġġoranza tagħhom kienu implimentaw il-programm ta' qerda b'mod xieraq). Għaldaqstant, kien hemm inċentiv limitat biex l-awtoritajiet fi Sqallija jtejbu l-miżuri veterinarji.

26 L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 652/2014.

27 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3)

28 Il-Kummissjoni Ewropea (id-DG Agrikoltura u Żvilupp Rurali, Statistika dwar is-swieq agrikoli 2014: [http://ec.europa.eu/agriculture/markets-and-prices/market-statistics/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/markets-and-prices/market-statistics/index_en.htm)).

## u baqa' lok għal titjib.

### 48

Il-paragrafi li ġejjin jistipulaw oqsma fejn aħna nqisu li hemm lok għal titjib għall-approċċ tal-Kummissjoni u għall-programmi tal-Istati Membri.

### Notifika ta' mard tal-annimali u skambju ta' informazzjoni relatata

### 49

Is-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali (ADNS) tal-Ewropa hija mfassla biex tinnotifika informazzjoni standard dwar tifqigħat ta' mard. Hija ma tfasslitx biex ikollha karatteristiki ta' ġestjoni epidemjoloġika jew biex tipprovdi informazzjoni storika u tanalizza *data*. Għalhekk hija tipprovdi ftit li xejn valur miżjud meta mqabbla mas-Sistema Dinjija ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali (WAHIS) tal-OIE, li l-Istati Membri kollha huma meħtieġa jużaw. Dawn iż-żewġ sistemi, it-tnejn li huma jipprovdu informazzjoni dwar l-għadd u l-lok ta' tifqigħat ġodda, iżda ma hemm l-ebda interfaċċja bejniethom li tkun tippermetti skambju awtomatiku ta' informazzjoni. Sabiex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw aħjar it-theddid għas-saħħa tal-annimali, l-Istati Membri żviluppaw is-sistemi ta' informazzjoni tagħhom stess li jitrattaw id-*data* epidemjoloġika. Madankollu, ma hemmx sistema komuni li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet ta' kontroll bejn l-Istati Membri.

### 50

Mill-2012 'il hawn, proġett konġunt bejn il-Kummissjoni u l-OIE ħadem fuq l-irbit tas-sistemi ADNS u WAHIS ma' interfaċċja komuni msejja Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS)<sup>29</sup>.

29 Rapport dwar l-analiżi tal-ADNS (il-verżjoni 1.4) fil-qafas tal-iżvilupp tal-prototip tal-informatika ta' Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS) għall-Unjoni Ewropea allinjat mal-interfaċċja tal-OIE-WAHIS/WAHID: Għal analiżi aktar fil-fond, hemm nuqqas ta' *data* ta' referenza bħall-għadd ta' azjendi u annimali preżenti f'reġjun. Għal analiżi spazjali u temporali aktar fil-fond tkun tinħtieġ *data* addizzjonali, bħal-lok tal-unitajiet epidemjoloġiċi kollha preżenti. Sabiex tkun għodda aktar rilevanti għall-ġestjoni tal-mard jew bħala għodda deċiżjonali, tkun tinħtieġ informazzjoni addizzjonali dwar il-miżuri ta' ġestjoni tal-mard. Il-lista tal-valuri "Speċijiet" fl-ADNS fiha l-ispeċijiet il-kbar ta' annimali tal-azjendi agricoli u d-denominazzjoni ġenerika "speċijiet selvaġġi" biss. Jidher raġonevoli li tiġi estiża t-talba għal *data* dwar il-metodu ta' dijanjożi għall-mard kollu.

## Informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-ġestjoni

### 51

Deċiżjoni tal-Kummissjoni mill-2008<sup>30</sup> tissettja indikaturi tal-outputs tal-programmi, indikaturi li dwarhom l-Istati Membri huma obbligati li jirrapportaw. Minbarra dan, il-Kummissjoni stabbiliet metodoloġija għall-issettjar ta' indikaturi tal-prestazzjoni, li tirrikjedi li l-Istati Membri jtejbju l-prestazzjoni tagħhom f'termini ta' prevalenza/inċidenza tal-mard b'perċentwal minimu matul perjodu speċifikat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żviluppat sett estensiv ta' indikaturi<sup>31</sup> (aktar minn 100) li l-Istati Membri għandhom jużaw. Dawn jinkludu indikaturi relatati mal-output jew mal-attività, bħall-għadd ta' annimali mlaqqma u t-testijiet imwettqa; u wkoll indikaturi marbuta mar-riżultati bħal bidliet fir-rati ta' inċidenza jew ta' prevalenza. Filwaqt li nagħrfu li diġà hemm sett estensiv ta' indikaturi, aħna nqisu li hemm xi lok għal aktar titjib, partikolarment dak relatat mal-implimentazzjoni teknika tal-programmi<sup>32</sup>. Ma huwa inkluż l-ebda indikatur ekonomiku li jkun jippermetti analiżi tal-kosteffettività tal-programmi proposti (ara l-paragrafi 41 u 42).

### 52

Il-Kummissjoni tirrikjedi li l-Istati Membri jseguw mudell standard meta jkunu qed jabbozzaw il-programmi veterinarji tagħhom. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-marda fi snin reċenti. Minbarra dan, wieħed mill-kriterji użati mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 28), għall-valutazzjoni tal-abbozzi ta' programmi, jikkonċerna l-kwalità tad-*data* dwar l-evoluzzjoni tal-mard matul l-aħħar ħames snin. Aħna nnutajna li filwaqt li *data* storika ta' dan it-tip kienet disponibbli fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, għal 3 mill-24 programm tal-Istati Membri kkonċernat mill-awditu, l-evalwaturi indipendenti tal-Kummissjoni identifikaw li l-abbozzi ta' programmi reċenti ma kienx fihom biżżejjed informazzjoni storika sodisfaċenti<sup>33</sup>. F'dawn il-każijiet, l-informazzjoni rilevanti ntalbet mill-Kummissjoni u ġiet ipprovduta mill-Istati Membri kkonċernati. Fi żmien l-awditu, il-Kummissjoni kienet qed tiżviluppa sistema ta' informazzjoni biex tippermetti l-ġbir faċli u l-analiżi ta' informazzjoni storika minn programmi preċedenti tal-Istati Membri, u introduċiet sistema standard ta' rappurtar elettroniku biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibagħtu dokumenti ewlenin<sup>34</sup> relatati mal-programmi veterinarji tagħhom<sup>35</sup>. Dawn l-iżviluppi għandhom jiffaċilitaw l-analiżi futura tal-programmi.

- 30 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/940/KE, sostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/288/EU tat-12 ta' Mejju 2014 fir-rigward tar-rekwiżiti standard ta' rapportaġġ għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u mard zoonotiku tal-annimali kofinanzjati mill-Unjoni u li jirrevokaw id-Deċiżjoni 2008/940/KE (ĠU L 147, 17.5.2014, p. 88).
- 31 Id-dokument tal-Kummissjoni WD SANCO/12915/2012.
- 32 Pereżempju, l-intervalli ta' żmien bejn l-ittestjar, il-proporzjon ta' tifqigħat fejn is-sors tal-infezzjoni jkun ġie identifikat; għall-bruċellożi, it-traċċar ta' merħliet mingħajr test tal-merħliet, il-perċentwal ta' annimali mlaqqma fi ħdan azjendi agrikoli u l-proporzjon ta' azjendi agrikoli mlaqqma; l-indikaturi relatati mat-taħriġ, mal-ispiża u mal-kapaċità tas-servizzi veterinarji; għall-bruċellożi ovina u kaprina, il-ġenotipar tar-riżultati tar-razza ta' *brucella*.
- 33 Dan kien il-każ għall-programm propost tar-Renju Unit tal-2015 kontra t-tuberkolożi bovina; il-programm Spanjol tal-2015 kontra l-ilsien blu, u l-programm propost Taljan tal-2014 kontra l-ilsien blu.
- 34 Notevolment abbozzi ta' programmi, rapporti intermedji, rapporti finali u talbiet għal pagamenti.
- 35 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/288/UE.

Preżentazzjoni tal-kontrolli veterinarji fil-programmi

53

B'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira mill-programmi ġġustifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu u r-riżultati li għandhom jinkisbu. Madankollu, aħna nqisu li l-miżuri veterinarji jkunu jibbenefikaw minn deskrizzjoni aħjar dwarhom f'xi programmi kif ukoll fl-azzjonijiet meħuda wara rakkomandazzjonijiet mill-FVO u pariri mit-Task Force. Fi 2 mill-24 programm tal-Istati Membri kkonċernat mill-awditu, l-evalwaturi indipendenti tal-Kummissjoni għamlu rimarki simili<sup>36</sup>.

Programmi fejn il-progress isir bil-mod


54

Il-programmi ta' qerda għal xi mard f'ċerti Stati Membri jdumu deċenni (ara l-paragrafu 9). Filwaqt li qed tonqos, il-prevalenza tat-tuberkulożi bovina fir-Renju Unit u fl-Irlanda għadha relattivament għolja (ara l-**Figura 6**) meta mqabbla ma' Stati Membri oħra<sup>37</sup>. Fir-Renju Unit, żieda fil-frekwenza tal-ittestjar tat-tuberkulożi mill-2013 'il hawn f'żoni b'inċidenza baxxa, minn darba kull erba' snin għal darba fis-sena, wasslet għal detezzjoni ogħla ta' każijiet. Madankollu, għad hemm sfidi sinifikanti li huma inerenti għall-programm ta' qerda tat-tuberkulożi fir-Renju Unit, b'inċidenza għolja ħafna f'xi reġjuni.

36 Il-programm Taljan għall-2014 kontra l-ilsien blu; il-programm Irlandiż tal-2014 kontra t-tuberkulożi bovina.

37 FI-2014, il-prevalenza fil-merħla fir-rigward tat-tuberkulożi bovina fir-Renju Unit, fl-Irlanda, fi Spanja u fl-Italja kienet ta' 9.04 %, 3.8 %, 1.72 % u 0.81 % rispettivament. Franza u l-Polonja huma uffiċjalment ħielsa mill-marda, u l-prevalenza fir-Rumanija hija insinifikanti.

Figura 6 Tuberkulożi bovina fl-Irlanda u fir-Renju Unit



Sors: Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari.

### 55

Fl-Italja, il-bruċellożi ovina u kaprina huma diffiċli li jinqerdu minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa mill-bdiewa f'xi reġjuni. L-iskema ta' kumpens ġeneruż (ara l-paragrafu 45) tista' tkun fattur ukoll. Madankollu, il-prevalenza fil-livell nazzjonali qed tonqos, u kienet laħqet il-1.2 % fl-2014, meta mqabbla ma' 3.7 % fl-2008. Matul l-istess perjodu, il-prevalenza fi Sqallija naqset minn 11.9 % għal 3.4 %.

### 56

Aħna ninnutaw li l-Kummissjoni, fir-rapport tagħha tal-2014<sup>38</sup> lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-programmi veterinarji kofinanzjati mill-UE, ukoll innutat li r-riżultati miksuba mill-programm tar-Renju Unit kontra t-tuberkulożi bovina u l-programmi Taljani kontra l-bruċellożi kienu kawża ta' tħassib. Il-Qorti tagħraf ukoll li l-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri jieħdu azzjoni f'każijiet ta' dan it-tip permezz tas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru mit-Task Force u mill-FVO.

## L-approċċ għat-trattament ta' organiżmi selvaġġi

### 57

Kuntatti diretti jew indiretti bejn organiżmi selvaġġi u annimali domestikati jistgħu jwasslu għat-tixrid tal-mard, jew jistgħu jikkumplikaw l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi relatati mal-mard tal-annimali. Pereżempju, ir-rabja tista' tixtered minn volpijiet selvaġġi, u t-tuberkulożi bovina tista' tixtered minn baġers, ċingjali u ċriev. Hemm bosta pubblikazzjonijiet mill-OIE<sup>39</sup> dwar il-monitoraġġ tal-mard ta' organiżmi selvaġġi, kif ukoll ftehim internazzjonali relatat dwar in-notifika ta' mard. Filwaqt li x-xiri ta' vaċċini kontra r-rabja għal organiżmi selvaġġi huwa inkluż fil-programmi tal-Istati Membri, l-UE ma għandhiex approċċ speċifiku għall-ġlieda kontra t-tuberkulożi f'organiżmi selvaġġi.

### 58

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE għall-qerda tat-tuberkulożi fl-ispeċijiet ta' annimali minbarra l-ifrat (eż. mogħoż selvaġġ, u organiżmi selvaġġi oħra). B'mod partikolari, fir-Renju Unit, il-baġers huma protetti bil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tista' tikkomplika l-implimentazzjoni effettiva tal-programm ta' qerda tat-tuberkulożi bovina.

- 38 COM(2014) 115 final tal-5 ta' Marzu 2014 "Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultat tal-programmi kofinanzjati tal-UE għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u żoonożi matul il-perjodu ta' bejn l-2005 u l-2011", it-taqsim 3.3.
- 39 L-OIE, "Training manual on wildlife diseases and surveillance" (Manwal ta' taħriġ dwar il-mard ta' organiżmi selvaġġi u dwar is-sorveljanza), 2010.



## Id-disponibbiltà ta' ċerti vaċċini

### 59

Skont l-OIE<sup>40</sup>, id-disponibbiltà faċli ta' vaċċini u antiġeni veterinarji adatti hija essenzjali għall-programmi relatati mas-saħħa tal-annimali<sup>41</sup>. Hemm għadd ta' inizjattivi u proġetti ta' riċerka tal-UE mmirati lejn id-detezzjoni ta' virusijiet emerġenti u lejn il-promozzjoni tad-disponibbiltà ta' vaċċini<sup>42</sup>. Skont xi tkun il-marda, jista' jkun hemm ftit li xejn vaċċini adatti għall-użu fl-UE. Madankollu, it-tilqim huwa waħda mill-għodod essenzjali disponibbli għall-implimentazzjoni ta' approċċ ta' "il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura". Ir-raġunijiet għalfejn il-vaċċini mhumiex dejjem disponibbli huma kumplessi. Riċerka reċenti kellha t-tendenza li turi li<sup>43</sup> minbarra d-diffikultajiet tekniċi fl-iżvilupp tagħhom, ma hemmx biżżejjed interess finanzjarju biex l-industrija farmaċewtika tuża ċerti vaċċini fl-UE. Il-**Kaxxa 5** turi xi diffikultajiet prattiċi kkawżati minn nuqqas ta' vaċċini adatti.

### 60

Fil-livell Ewropew, ma hemm l-ebda qafas legali għall-akkwist konġunt ta' vaċċini, u lanqas bank ġenerali ta' stokkijiet ta' vaċċini. Il-proċess għax-xiri ta' vaċċini wara sejħa għall-offerti mill-Istati Membri jista' jieħu bosta xhur, u fil-frattemp il-virus jista' jkompli jixtered fil-popolazzjoni tal-annimali. Aħna nnutajna li il-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa tal-Annimali, li attwalment qed tiġi diskussa mill-awtoritajiet leġiżlattivi, tkun twessa' l-kapaċità tal-Kummissjoni biex din tistabbilixxi banek ta' vaċċini.

- 40 L-OIE, "Manual of diagnostic tests and vaccines for terrestrial animals" (Manwal ta' testijiet dijanostiċi u vaċċini għall-annimali terrestri), 2014.
- 41 L-OIE, "Guidelines for Animal Disease Control" (Linji Gwida għall-Kontroll tal-Mard tal-Annimali), Mejju 2014.
- 42 Pereżempju, il-fondi tar-riċerka tal-UE appoġġew proġetti għall-iżvilupp ta' vaċċini kontra t-tuberkulożi (NEWTBVAC), il-bruċellożi (BRU-VAC) u d-deni klassiku tal-ħnieżer (CSFV-GODIVA).
- 43 Videnova, K. u Mackay, DKJ. "Availability of vaccines against major animal diseases in the European Union" (Disponibbiltà ta' vaċċini kontra mard kbir tal-annimali fl-Unjoni Ewropea).

## Kaxxa 5

### Diffikultajiet ikkawżati minn nuqqas ta' vaċċini adatti

Hemm aktar minn 20 varjant (serotip) tal-virus tal-ilsien blu (marda virali, li tinġarr mill-insetti, tar-ruminanti).

Fl-Italja, ġew identifikati sitt varjanti. L-ebda vaċċin polivalenti (effettiv kontra bosta razez tal-virus) ma huwa attwalment rikonoxxut fl-UE. Għalhekk, f'każijiet ta' dan it-tip, huwa diffiċli li jiġi previst l-użu ta' vaċċini.

Fi Franza, matul il-kriżi tal-ilsien blu tal-2008, kien hemm stokkijiet limitati tal-vaċċin. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi kellhom jakkwistaw fornimenti żejda b'mod urġenti. Dan sewa ħafna flus u ħin, u l-awtoritajiet nazjonali qiesu li l-520 każ ta' lsien blu maqbudin f'Ille et Vilaine setgħu jiġu evitati li kieku l-vaċċini kienu disponibbli aktar malajr.

Fiż-żmien meta faqqa' l-ewwel serotip S4 tal-ilsien blu fi Spanja (reġjun ta' Extremadura), ma kienx hemm biżżejjed vaċċin disponibbli kontra dan is-serotip. Għal din ir-raġuni, il-kampanja ta' tilqim ġiet posposta għas-sena ta' wara sabiex il-marda titrażżan matul il-perjodu ta' propagazzjoni virali possibbli li kien imiss.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## 61

Il-mard tal-annimali jikkawża spejjeż ekonomiċi sinifikanti u huwa riskju kemm għas-saħħa tal-annimali kif ukoll dik tal-bniedem. Il-mard jista' jixtered u jaqsam il-fruntieri, u tifqigħat preċedenti ta' mard swew biljuni ta' euro. Għalhekk l-UE għandha l-għan li tiproteġi s-saħħa tal-annimali u tiffinanzja l-programmi tal-Istati Membri għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' mard speċifiku tal-annimali. Dawn il-programmi jkopru azzjonijiet bħal kampjunar, analiżi fil-laboratorju, pagamenti ta' kumpens għal annimali li jinqatlu, u kampanji ta' tilqim. Fis-snin reċenti n-nefqa tal-UE kienet qed tonqos, u reċentement ma seħħet l-ebda kriżi kbira komparabbli mat-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tal-2001. Madankollu, jeħtieġ li l-UE tkun imħejjija biex tindirizza kriżijiet futuri, u jista' jieħu ħafna snin biex il-programmi ta' qerda jirriżultaw fi status ħieles mill-mard.

## 62

L-awditu eżamina jekk il-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard tal-annimali jrażżnux il-mard tal-annimali b'mod adegwat. Dan kien jinvolvi l-eżaminar ta' jekk l-approċċ tal-Kummissjoni kienx xieraq; jekk l-Istati Membri fasslux u implimentawx programmi xierqa, u jekk il-kosteffettività tal-programmi tqisix b'mod adegwat.

## 63

B'mod ġenerali, il-Qorti kkonkludiet li l-programmi, li eżaminajna, relatati mal-mard tal-annimali rażżnu dan il-mard b'mod adegwat. Madankollu, billi tifqigħat ta' mard dejjem jistgħu jseħħu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jkunu viġilanti.

## 64

L-istrateġija tal-Kummissjoni għall-programmi relatati mal-mard tal-annimali kienet, b'mod ġenerali, tajba: l-azzjonijiet tal-Kummissjoni kienu appoġġati minn parir tekniku tajjeb; kien hemm politika żviluppata tajjeb għas-saħħa tal-annimali; u kien hemm qafas stabbilit għall-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi baġitarji fuq il-programmi prijoritarji. L-approċċ meħud għall-qerda tal-BSE rnexxa b'mod partikolari. Eżempji tajbin oħra huma t-tnaqqis fil-każijiet ta' salmonella zoonotika u rabja. Il-leġiżlazzjoni ta' bażi baqgħet kumplessa, u l-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament bejn il-mard kienet qed tittejjeb gradwalment (il-paragrafi 26 sa 33).

## 65

Aħna sibna li, b'mod ġenerali, il-programmi tal-Istati Membri tfasslu u ġew implimentati tajjeb. Il-programmi ssodisfaw il-kriterji meħtieġa, u l-Istati Membri kellhom sistemi adegwati biex jidentifikaw tifqigħat ta' mard tal-annimali u jiffaċilitaw il-qerda tagħhom (il-paragrafi 34 sa 36).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 66

Aħna sibna li, filwaqt li l-Kummissjoni kien meħtieġa tirrapporta dwar il-kosteffettività tal-programmi veterinarji lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, hemm nuqqas ta' mudelli adatti biex tagħmel dan. Il-programmi approvati u r-rapporti sussegwenti ta' implimentazzjoni jipprovdu informazzjoni dwar l-ispejjeż u r-riżultati, iżda huwa diffiċli li tiġi ddeterminata l-kosteffettività tal-programmi (il-paragrafi 37 sa 42).

### 67

Fir-rigward tal-ispejjeż, l-awditu nnota eżempji ta' spejjeż mhux ikkontrollati biżżejjed jew ta' spejjeż li kienu għoljin wisq, li l-Kummissjoni kienet identifikat preċedentement. F'xi każijiet fl-Italja, l-ammonti li tħallsu bħala kumpens lill-bdiewa, jew it-tnaqqis fil-pagamenti li kien impost mill-Kummissjoni, kellhom effett limitat ta' inċentivi għat-tkegħgiġ ta' miżuri effettivi ta' bijosigurtà u għall-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi (il-paragrafi 43 sa 47).

### 68

Aħna identifikajna xi oqsma speċifiċi fejn kien hemm lok għal titjib. L-iskambju ta' informazzjoni epidemjoloġika bejn l-Istati Membri seta' jiġi appoġġat aħjar permezz ta' sistemi ta' informazzjoni (il-paragrafi 49 u 50).

### 69

Il-Kummissjoni stabbiliet sett dettaljat ta' indikaturi minimi tal-outputs tal-programmi, biex jintużaw mill-Istati Membri. Aħna sibna li, f'xi programmi tal-Istati Membri, seta' kien hemm deskrizzjoni aħjar tal-informazzjoni relatata kemm ma' miżuri veterinarji kif ukoll ma' azzjoni ta' segwitu għal rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-FVO u mit-Task Force. Fi żmien l-awditu mhux dejjem kien hemm informazzjoni storika suffiċjenti, li kienet faċilment disponibbli, dwar l-evoluzzjoni tal-mard. Madankollu, kienet qed tiġi żviluppata database għar-reġistrazzjoni ta' indikaturi tekniċi tal-programmi, u l-Kummissjoni kienet introduċiet sistema ġdida ta' rappurtar elettroniku (il-paragrafi 51 sa 53).

### 70

Aħna nnutajna xi programmi fejn il-progress sar bil-mod: notevolment il-qerda tat-tuberkulożi bovina fir-Renju Unit u fl-Irlanda, u l-bruċellożi ovina u kaprina fin-Nofsinar tal-Italja (il-paragrafi 54 sa 56).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 71

Organiżmi selvaġġi jistgħu jxerrdu l-mard fl-annimali domestiċi (u tabilħaqq fin-nies) u għalhekk jeħtieġ li jittqiesu waqt l-iżvilupp ta' approċċ għas-saħħa tal-annimali u l-finanzjament ta' programmi relatati mal-mard tal-annimali. Aħna sibna li l-approċċ tal-UE biex tqis mard f'organiżmi selvaġġi għandu jiġi kkomplementat, notevolment għat-tuberkulożi (il-paragrafi 57 u 58).

### 72

Il-vaċċini huma għodda ewlenija għal ċerti programmi ta' qerda. Il-Qorti nnutat li, skont xi tkun il-marda, jista' jkun hemm ftit li xejn vaċċini adatti. B'mod partikolari, aħna sibna li n-nuqqas ta' vaċċini għat-trattament tal-ilsien blu affettwa b'mod avvers il-programmi fl-Italja, fi Franza u fi Spanja. Barra minn hekk, fi żmien l-awditu, ma kien hemm l-ebda qafas legali għall-akkwist konġunt ta' vaċċini, u lanqas bank ġenerali ta' stokkijiet ta' vaċċini fil-livell Ewropew (il-paragrafi 59 u 60).

## Rakkomandazzjonijiet

Sabiex ittejjeb aktar il-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali, il-Kummissjoni għandha:

- (a) Tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni epidemjoloġika bejn l-Istati Membri.
- (b) Teżamina jekk is-sett eżistenti ta' indikaturi għandux jiġi aġġornat sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar l-attivitajiet ta' kontroll veterinarju u l-kosteffettività tal-programmi.
- (c) Sistemikament tinkludi, meta rilevanti, l-aspett ta' organiżmi selvaġġi fil-programmi veterinarji.
- (d) Tappoġġa d-disponibbiltà ta' vaċċini li se jintużaw mill-Istati Membri meta dan ikun iġġustifikat b'mod epidemiku.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Augustyn KUBIK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-3 ta' Frar 2016.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
*President*

## Anness I

### Informazzjoni dwar il-mard tal-annimali

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħna pubblika?	X'inhu s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontroll?
<p>L-influenza avjarja (AI), ikkawżata mill-virus tal-influenza tat-Tip "A", tista' taftettwa bosta speċijiet ta' għasafar li jipprođu l-ikel (tiġieġ, dundjan, summien, farawn, eċċ.) kif ukoll għasafar domestiċi u għasafar selvaġġi b' xi razez li jirriżultaw f'rati għoljin ta' mortalità. Il-virus għe wkoll iżolat minn speċijiet mammiferi li jinkludu bnedmin, firien u ġrieden, ballottri u imsa, ħnieżer, qtates, tigrì u klieb.</p>	<p>Bosta fatturi jistgħu jikkontribwixxu għat-tixrid ta' virusijiet AI, inklużi l-globalizzazzjoni u l-kummerċ internazzjonali (legalment u illegalment), prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni (swieq bi tjur hajjim), prattiki agricoli u l-preżenza tal-virusijiet f'għasafar selvaġġi. Il-virus jiet AI jistgħu jixterdu permezz ta' kuntatt dirett ma' sekrezzjonijiet minn għasafar infettati, speċjalment permezz ta' rawt jew permezz ta' għalf, ilma, tagħmir u ħwejjeġ kontaminati.</p>	<p>Filwaqt li AI hija primarjament marda tal-għasafar, hija tista' tgħaddi mill-għasafar għall-bnedmin. Il-virus jiet AI huma ferm speċifiċi għall-ispeċi iżda, fokkazzjonijiet rari, għaddew mill-osrinjettaw il-bnedmin. It-trażmissjoni lill-bnedmin seħħet meta kien hemm kuntatt mill-qrib ma' għasafar infettati jew ma' ambjenti kontaminati haġna.</p>	<p>Fil-forma ħafifa, sinjali ta' mard jistgħu jiġu espressi biss bħala rix imħabbel, produzzjoni inqas ta' bajd, jew effetti ħfef fuq is-sistema respiratorja. Fil-forma gravi tal-marda, il-virus mhux biss jaftettwa s-sistema respiratorja, bħalma jiġri fil-forma ħafifa, iżda jinvadi wkoll bosta organi u tessuti, li jista' jirriżulta f'emorraġija interna massiva.</p>	<p>AI tista' tiġi suspettata abbażi ta' sinjali kliniċi u avvenimenti għall-marda. Testijiet fil-laboratorju huma meħtieġa biex jikkonfermaw id-dijanjożi.</p>	<p>Madwar id-dinja, miżuri ta' sorveljanza ġew stabbiliti għad-detezzjoni tal-preżenza ta' infezzjoni fil-pollam skont l-istandards tal-OIE għas-sorveljanza tal-AI.</p>
<p>Id-deni Afrikan tal-ħnieżer (ASF) huwa marda ferm emorraġika, li tittieħed malajr ħafna, tal-ħnieżer, il-qżieqeż selvaġġi Afrikani, iċ-ċingjali Ewropej u l-ħnieżer selvaġġi Amerikani. Il-gruppi kollha ta' età huma suxxettibbli bl-istess mod. B'forom ta' virulenza għolja tal-virus, l-ASF huwa karatterizzat minn deni għoli, telf ta' aptit, emorraġiji fl-ġilda u fl-organi interni, u mewt wkoll ixerrdu l-virus lil annimali suxxettibbli.</p>	<p>Il-qażquż selvaġġ Afrikan jista' jservi bħala riżerva naturali tal-virus mingħajr sinjal ta' mard. It-tixrid minn din ir-riżerva ssir permezz tal-qurdjena ratba <i>Ornithodoros moubata</i>. Il-qurdjena tista' l-virus meta tkun qed tieħu ika tad-demm u mbagħad tgħaddi minn meta tkun qed tiekol minn fuq annimali suxxettibbli. Dubbjen li jggedu u qurdien, bini, vetturi, tagħmir jew ħwejjeġ kontaminati jistgħu wkoll ixerrdu l-virus lil annimali suxxettibbli.</p>	<p>L-ASF mhuwiex theddida għal saħħet il-bnedmin.</p>	<p>Il-gravità u d-distribuzzjoni tal-lezzjonijiet ivarjaw ukoll skont il-virulenza tal-virus. Każijiet gravi tal-marda huma karatterizzati minn deni għoli u mewt f'medja ta' bejn jumejn u 10 jiem. Ir-rata ta' mortalità tista' tilħaq il-100%. Sinjali kliniċi oħra jistgħu jinkludu telf ta' aptit, dipressjoni, ħmura tal-ġilda tal-widnejn, tal-addome u tar-riġlejn, tbatija respiratorja, renet-tar, tnxixxa ta' demm mill-imnieħer jew mir-rektum u kultant di-jarea. L-abort jista' jkun l-ewwel avveniment muri f'tifigħa.</p>	<p>L-ASF jista' jiġi suspettat abbażi ta' sinjali kliniċi, u trid issir konferma permezz ta' testijiet fil-laboratorju preskrittivi, partikolarment biex din il-marda tiġi differenzjata mid-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF).</p>	<p>Ma hemm l-ebda trattament jew vaċċin ippubblikat għall-ASF. Il-programmi kollha ta' qerda li rnexxew kienu jinvolvu d-dijanjożi, it-tbiċċir u d-disponiment ratorju preskrittivi, partikolarment biex din il-marda tiġi differenzjata mid-deni klassiku tal-ħnieżer u sorveljanza.</p>
<p><b>Influenza avjarja</b></p>					
<p><b>Deni Afrikan tal-ħnieżer</b></p>					

Anness I

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħħa pubblika?	X'inhu s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontroll?
<p>Il-bruċellożi hija marda tal-bnejjem li tittieħed u li għandha impatt ekonomiku sinifikanti. Il-marda hija kkawżata minn diversi batterji tal-familja <i>brucella</i>, li għandhom it-tendenza li jinfetxaw speċi ta' animal speċifika. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-ispeċijiet ta' <i>brucella</i> jistgħu jinfetxaw speċijiet oħra ta' animali wkoll. Hija taffettwa frat, ħmiezer, naqħaq u mogħoż. Tista' taffettwa wkoll iġmla, ekwini, u klieb. Tista' taffettwa wkoll ruminanti oħra, xi mammiiferi tal-baħar u bnedmin.</p>	<p>Il-bruċellożi tixtered tipikament meta l-animal jabortixxi jew iwelled. Livelli għoljin ta' batterji jinsabu fil-fluwidi tat-twelid ta' animal infettat. Il-batterji jistgħu jissopravvivi barra l-animal fl-ambjent għal bosta xhur, partikolarment f'kundizzjonijiet friski u ned-jin. Huma jibagħġu infettivi għal animali oħra li jiġu infettati billi jkunu bejgħu l-batterji. Il-batterji jikkolonizaw il-biża u jikkontaminaw il-ħalib. Il-bruċellożi hija marda importanti f'organiżmi selvaġġi, u tinfetta ħmiezer selvaġġi, gwiemes, elk u liebri Ewropej. Ir-riżerva ta' mard f'organiżmi selvaġġi tikkompilka l-isforzi għall-qerda.</p>	<p>Il-bruċellożi hija żoonożi infettiva ħafna għall-bnedmin u li tikkawża marda ta' sikwit imsejħa deni rqiġ. Is-sintomi fil-bnedmin jinkludu deni intermittenti jew irregolari, uġiġħ ta' ras, dġuġġa, għaraq abbondanti, bard, teif tal-piż u wgiġh ġenerali. Jistgħu jseħħu infezzjonijiet tal-organi li jinkludu l-fwied u l-milsa. Veterinarji, bdiewa u ħaddiema tal-biċċeriji huma vulnerabbli għal infezzjoni billi jittrattaw annimali infettati u feti abortiti jew placenti. Il-marda tista' tixtered ukoll lin-nies permezz ta' konsum ta' ħalib mhux ippasturizzat li jkun geġ minn annimali infettati.</p>	<p>Tipikament il-marda hija ħafna, u l-animal infettat juri ftit li xejn sinjali sa ma jseħħ l-abort. Jista' jkun hemm nefħa tat-testikoli fl-animali rġiel u, xi minn daqqiet, il-batterji jiġu lokalizzati fil-ġogi u dan jikkawża l-arrite. L-importanza tal-bruċellożi tinsab fil-fatt li l-bruċellożi tikkawża prestazzjoni riproduttiva fqira, minħabba aborti, infertilità, retenzjoni tal-placenti, twelid meġjet jew twelid ta' wild dġuġġef. Hija tirriżulta f'lel ekonomiku għall-bdiewa tal-ħalib, tan-naqħaq, tal-mogħoż u tal-ħmiezer.</p>	<p>Il-marda tista' tiġi suspettata abbażi ta' sinjali kliniċi bħal aborti, iżda l-konferma ssir permezz ta' testijiet seroloġiċi, u mbagħad b'testijiet fil-labora-torju preskritti biex il-batterji jiġu iżolati u identifikati.</p>	<p>Is-sorveljanza bl-użu ta' testijiet seroloġiċi, kif ukoll ta' testijiet fuq il-ħalib bħalma huwa t-test taċ-ċirku fuq il-ħalib, tista' tintuża għall-iskrinjar u jista' jkollha rwol importanti f'kampanji għall-eliminazzjoni tal-marda. Jitwettaq ukoll ittestjar indi-vidwali fuq l-animali, kemm għal skopijiet ta' kummerċ kif ukoll ta' kontroll tal-mard.</p>

**Bruċellożi**

Anness I

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħħa pubblika?	X'inhu s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontroll?
<p>L-ilsien blu (BT) huwa marda virali li ma tittiehid, u li taffetwa ruminanti domestiċi u selvaġġi (primarjament nagħaġ u li jinkludu frat, mogħoż, buffi, antilopi, ċriev, elk u iġmla) li rigi trazzmissjoni minn insetti, partikolarment pappamoski jidmu tal-ispeċi <i>Culicoides</i>. Il-virus li jikkawża l-BT huwa identifikat bħala membru tal-familja <i>Reoviridae</i>. Ġew identifikati 24 serotip differenti, u l-abbiltà ta' kull razza biex tikkawża l-mard tvarja b'mod konsiderevoli. F'nagħaġ suxxettibbli haġna, il-morbidity tista' tilħaq l-100 %.</p>	<p>Il-vettur tal-insetti huwa l-kjavi għat-trażmissjoni tal-virus BT bejn l-animalli. Il-vetturi jgħu infettati bil-virus BT wara li jkunu belgħu demm minn animalli infettati. Mingħajr il-vettur, il-marda ma tistax tixtered minn animal għal ieħor.</p>	<p>Ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa pubblika assoċjat mal-BT.</p>	<p>Fin-nagħaġ infettat, is-sinjali kliniċi jvarjaw u jistgħu jinkludu denj; emorragji u ulċerazzjonijiet tal-tessut orali u nażali; dijarea abbondanti, remetta, pulmonite; isien "blu" b'riżultat ta' ċjanosi (rarri); nagħaġa tqila tista' tabortixxi.</p>	<p>Il-marda tal-BT tista' tiġi suspettata abbażi ta' sinjali kliniċi tipiċi, prevalenza tal-vetturi meħteġa tal-insetti u partikolarment f'żoni fejn il-marda tkun endemika. Testijiet fil-laboratorju huma meħteġa biex jikkonfermaw id-dijanjożi.</p>	<p>F'żoni endemiċi, programmi ta' monitoraġġ sentinell jikkampjunaw b'mod attiv animalli f'merħliet sentinelli biex jimmonitorjaw il-preżenza tal-virus. It-tilqim jintuża bħala l-miżura l-aktar effettiva u Prattika għall-minimizazzjoni ta' telf relatat mal-marda u għall-interruzzjoni potenzjali taċ-ċiklu mill-animal infettat għall-vettur. Huwa essenzjali li jintuża vaxċin imfassal biex tiġi pprovduta protezzjoni kontra r-razza speċifika (jew razez speċifiċi) tal-virus ikkonċernat f'żona partikolari.</p>
<p>It-tuberkulożi bovina (TB) hija marda kronika minn batterju msejjaħ <i>Mycobacterium bovis</i>, (<i>M. bovis</i>) li huwa relatat mill-qrib mal-batterji li jikkawżaw it-tuberkulożi fil-bnedem u t-tuberkulożi awjarja. Din il-marda tista' taffetwa Prattikament l-animalli kollha, filwaqt li tikkawża stat ġenerali ta' mard, sogħla u mewt eventwali.</p>	<p>Il-marda tittieħed, u tixtered permezz ta' kuntatt ma' animalli domestiċi u selvaġġi li jkunu infettati. Ir-rotta normali tal-infezzjoni ssir permezz ta' ġbid bin-nifs fil-pulmuni, ta' qtar zġhir infettat li jtnelha mill-pulmuni permezz ta' sogħla. L-għoġġiela u l-bnedmin ukoll jistgħu jgħu infettati jekk jibilgħu ħalib mhux ippasturizzat, minn baqar infettat.</p>	<p>Il-bnedmin jistgħu jgħu infettati kemm bil-li jxorbu ħalib mhux ippasturizzat minn irfat infettat, jew inkella bil-li jgħudu bin-nifs qtar zġhir infettat, fil-pulmuni. Huwa 10 % ta' tuberkulożi fil-bnedem hija dovuta għat-TB bovina.</p>	<p>Normalment, it-TB għandha perikors imtawwal, u s-sintomi jgħudu x-xhur jew is-sniin biex jiffraccaw. Is-sinjali kliniċi normali jinkludu: aghuffja, telf ta' aptit, telf ta' piż, deni fluttwanti, sogħla mqahqha intermittenti, dijarea, limfonodi kbar u prominenti.</p>	<p>Il-metodu standard għad-detezzjoni tat-TB huwa t-test tat-tuberulina, fejn ammont zġhir ta' antiġenu tiġi injeżtat fil-ġilda, u tit-kejjel ir-reazzjoni immuni. Id-dijanjożi definittiva ssir billi jikkabru l-batterji fil-laboratorju, proċess li jgħu mill-inqas tmien ġimgħat.</p>	<p>Il-miżura standard ta' kontroll li tiġi applikata għat-TB hija t-test u t-tbiċċir. Programmi sistu fi spezzjoni <i>post mortem</i> tal-laħam, sorveljanza intensiva li tinkludi żjarat fl-azjenda agrkola, ittestjar individwali sistematiċi tal-irfat u tneħħija ta' animalli infettati u f'kuntatt kif ukoll kontrolli tal-movimenti, imrexxielhom haġna jnaqqsu jew jeliminaw il-marda. Il-pasturizzazzjoni tal-ħalib ta' animalli infettati għal temperatura li hija suffiċjenti biex toqtoq il-batterji evitat it-tixrid tal-mard fil-bnedmin.</p>

Il-sien Blu

Tuberkulożi bovina



Anness I

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħna pubblika?	X'inhu s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontrolli?
<p>Il-BSE hija marda progressiva u fatali tas-sistema nervuża tal-ifrat. Il-marda għandha perjodu ta' inkubazzjoni ta' bejn erba' u ħames snin u attwalment ma hemm l-ebda trattament jew vaċċin għall-marda. Il-BSE hija wieħed minn grupp ta' mard magħruf bħala enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu (TSE). TSEs oħra jinkludu l-iscripi fin-nagħaġ, il-marda tat-tnewwin kroniku (CWD) fiċ-ċriev u fl-elk, u l-marda ta' Creutzfeld-Jakob fil-bnedmin. Il-BSE, bħal TSEs oħra, hija karatterizzata mill-preżenza ta' proteina anormali infettiva msejħa "prion" fit-tessut nervuż. Id-deġenerazzjoni sussegwenti tal-moħħ, li tirriżulta f'apparenza li tixbah sponża, tirriżulta f'sinjali u sintomi neuroloġiċi gravi u fatali.</p>	<p>Ix-xjentisti jemmnu li t-tixrid ta' din il-marda fl-ifrat jiġi kkawżat mill-għoti ta' għalf immaċinat minn frat jew nagħaġ infettat lura lil ifrat oħra. Il-prion huwa reżistenti għal proċeduri kummerċjali ta' inattivazzjoni bħal sħana, li jfisser li jista' ma jinqatix kompletament fl-proċess ta' maċinazzjoni.</p>	<p>Hemm indikazzjonijiet li l-marda ta' Creutzfeldt-Jakob fil-bnedmin tista' tiġi kkawżata mill-konsum ta' prodotti taċ-Ċanġa li jkunu kontaminati minn tessut nervuż infettat jew apparat mediku immanifatturat minn tessuti infettati tal-annimali. Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib huma meġjusa sikuri.</p>	<p>Peress li ż-żmien medju bejn l-infezzjoni ta' annimal bil-prion u l-bidu ta' sinjali kliniċi normalment iwarja minn erba' sa ħames snin, sinjali kliniċi tal-BSE jkunu jin-sabu f'annimali adulti. Is-sintomi jistgħu jidumu għal perjodu ta' bejn sentejn u sitt xhur qabel ma jmur l-annimal.</p>	<p>Il-BSE tista' tiġi suspettata abbażi ta' sinjali kliniċi. Id-dijanjożi tista' tiġi kkonfermata biss minn eżaminar mikroskopiku tat-tessuti tal-moħħ.</p>	<p>Sorveljanza mmirata ta' okkorrenzi ta' mard kliniku neuroloġiku; trasparenza fir-rappurtar tas-sejbiet ta' BSE; salvagwardji fuq l-importazzjoni ta' speċijiet ruminanti ħajjin u l-prodotti tagħhom, skont il-Kodiċi Terrestri tal-OIE; tneħħija ta' materjal riskjuż speċifikat (SRM) (il-moħħ, il-kolonna vertebrali) matul it-tbiċċir u l-ipproċessar tal-karkassi; projbizzjoni tal-inklużjoni ta' SRM fl-għalf tal-annimali, u għaldaqstant tneħħija ta' materjal potenzjalment kontaminat, mill-katina alimentari; qtil b'mod uman tal-annimali suspettati u suxxettibbli kollha li jkunu esposti għall-għalf kontaminat; disponiment xieraq tal-karkassi u tal-prodotti kollha li ġejjin mill-annimali; identifikazzjoni tal-bhejjem biex tippermetti sorveljanza u traċċar effettivi ta' bhejjem suspettati.</p>

**Enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE)**



Anness I

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħħa pubblika?	X'inhu s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontroll?
<p>Id-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF) huwa marda virali li tittieħed, tal-ħnieżer domestiċi u selvaġġi. Huwa kkawżat minn virus tal-ġeneru <i>Pestivirus</i> tal-familja <i>Flaviviridae</i>, li tiġi mill-qrib mill-virusijiet li jikkawżaw id-dijarea virali bovina fl-iffrat u l-marda Border fin-nagħaġ. Hemm biss serotip wieħed tal-virus CSF (CSFV).</p>	<p>Il-metodu l-aktar komuni ta' trażmissjoni huwa permezz ta' kuntatt dirett bejn il-ħnieżer b'saħħithom u dawk infettati bil-virus CSF. Il-virus jinfirex fis-saliva, fis-sekrezzjonijiet nażali, fl-awrina, u fir-rawt. Il-kuntatt ma' veikoli, imqajjel, għalf, jew ħwejjeġ kontaminati jista' jxerred il-marda. Annimali li huma portaturi kroniċi tal-marda (persistentement infettati) jistgħu ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard iżda jistgħu jifrixi l-virus fir-rawt taqgħom. Wild ħanżira infettata jista' jiġi infettat fl-utru, u jista' jifrex il-virus għal xhur. Ġie ppruvat li, f'partijiet tal-Ewropa, il-popolazzjoni taċ-ċingjal jista' jkollha rwol fl-epidemjoloġija tal-marda.</p>	<p>Il-bnedmin mhumiex affettwati minn dan il-virus. Il-ħnieżer huma l-unika speċi magħrufa bħala li hija suxxettibbli.</p>	<p>Fil-forma akuta tal-marda, fl-gruppi kollha ta' età, hemm id-deni, id-tgeedis ta' annimali morda ma' xulxin, it-teif ta' aptit, l-ottużità, id-dgħufija, il-konġuntivite, il-konstipazzjoni segwita mid-dijarea, u mixja mhux soda. Bosta jiem wara l-bidu tas-sinjali kliniċi, il-widnejn, l-addome, u l-koxox ta' ġewwa jistgħu juru skulturazzjoni vjola. Annimali b'marda akuta jmutu fi żmien ġimgħa sa gima għtejn. Każijiet gravi tal-marda jidhru simili ħafna għad-deni Afrikan tal-ħnieżer.</p>	<p>Minħabba li s-sinjali kliniċi mhumiex esklużivi għas-CSF u jvarjaw b'mod wiesa', jinftegu testi-jiġet fl-laboratorju għad-detezzjoni ta' antikorpi jew tal-virus stess.</p>	<p>Ma jsirx tentattiv għat-trattament. F'żoni fejn il-marda tkun endemika, it-tilqim jista' jevita t-tixrid tal-marda. Waqt li l-marda tingħieb taħt kontroll, it-tilqim jieqa' u s-sorveljanza titkompla. F'żoni ħielsa mill-mard, tiġi applikata politika ta' qerda li tikkonsisti f'detezzjoni bikrija, kontroll tal-movimenti, dis-poniment xieraq tal-karkassi, u tindif u diżinfizzjoni. Din il-politika waslet għall-eliminazzjoni tas-CSF mill-Amerika ta' Fuq, u minn biċċa kbira mill-Ewropa tal-Punent.</p>

**Deni klassiku tal-ħnieżer**

Anness I

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħħa pubblika?	X'inhuma s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontroll?
<p>Ir-rabja hija marda virali li taffettwa s-sistema nervuża ċentrali tal-annimali ta' demmhom sħun, inklużi l-bnedmin. Il-marda għandha perjodu ta' inkubazzjoni twil (sitt xhur) u s-sintomi jistgħu jgħid bosta ġimgħat biex jiffrakaw wara l-infezzjoni. Madankollu, ladarba rabja hija dejjem fatali fl-annimali.</p>	<p>Ir-rabja tiġi trażmessa permezz tas-saliva ta' animal infettat. L-infezzjoni sseħħ primarjament permezz ta' għiehi minn għidma, jew permezz ta' saliva infettata li tidħol f'qasma miftuħa jew għerħa miftuħa jew membrana mukuża, bħal daww fi-ħalq, fi-kavità nażali jew fi-għajnejn. Infezzjoni permezz ta' għid bin-nifs tal-virus, fi-pulmuni, ġiet iddokumentata, pereżempju, fi-ambjent ta' għar b'popolazzjoni densa ta' friefet il-lejl. Ġeneralment, il-virus jibqa' fis-sit tad-dħul għal perjodu ta' żmien qabel ma jivvjaġġa matul in-nervituri għal għol-moħħ. Fil-moħħ, il-virus jimmultiplika malajr, u dan jirriżulta f'sinjali kliniċi. Imbagħad, il-virus jimxi mill-moħħ matul il-nervituri għal għol-glandoli tal-bżieq. Il-perjodu ta' żmien qabel ma jiffrakaw sinjali kliniċi, f'animal infettat, jista' jvarja skont ir-razza tal-virus u l-punt ta' dħul. Għaldaqstant huwa importanti li wieħed jirrealizza li l-marda tista' tiġi trażmessa permezz tas-saliva ta' animal infettat lejn animal u bnedmin oħra qabel il-bidu ta' sinjali kliniċi tal-marda fl-animal infettat.</p>	<p>Ir-rabja hija meqjusa bħala waħda mill-mar-diet zoonotiċi l-aktar importanti fid-dinja (marda li primarjament taffettwa l-annimali, iżda li tista' tikkawża mard fl-bnedmin). L-irid jiġi investigat kwalunkwe tilqiġ ma' animal domestiku jew selvaġġ fejn tiġi riċevuta għidma. Annimali selvaġġi li għandhom il-marda tar-rabja jittifu l-biża' naturali tagħhom mill-bnedmin, u b'hekk jiddeed ir-riskju ta' tilqiġ. Sinjali kliniċi fl-annimali bħalma huma salivazzjoni eċċessiva, fgar jew tixriq jistgħu jwasslu l-bnedmin biex, mingħajr ma jkunju jafu, jirriskjaw li jiġu infettati waqt li j'ħalq il-klieb u ħalq il-bhejjem waqt li jkunu qed iftrxu korp barrani jew jippruvaw jammin-istraw il-medikazzjoni b'idejhom mikxufa. Huwa importanti li kwalunkwe għerħa minn għidma jew kwalunkwe superfiċe esposta tinħasel minnufih bis-sapun u l-ilma, u li l-inċident jiġi rappurtat minnufih lil tabib jew lil dipartiment tal-emerġenza ta' sptat.</p>	<p>Is-sinjali kliniċi tar-rabja fl-annimali jkunu jvarjaw skont l-effett tal-virus fuq il-moħħ. Sinjali tipiċi jinkludu bidliet f'daqqa fl-imġiba, u paraliżi progressiva li twassal għal-mewt. Madankollu, f'xi każijiet, animal jista' jmut b'mod rapidu mingħajr ma juri sinjali kliniċi sinifikanti. Fil-bnedmin, sinjali bikrin jistgħu jinkludu deni jew uġiġħ ta' ras. Waqt li l-marda tkun qed tipprogrressa, is-sintomi jistgħu jinkludu konfużjoni, dipressjoni, ngħas, aġitazzjoni u jaw paraliżi tal-wiċċ, tal-grizmejn u tal-għonq. Ġeneralment, il-mewt tirriżulta minn paraliżi progressiva.</p>	<p>Il-marda tista' tiġi suspettata abbażi ta' sinjali kliniċi, madankollu, jinħtegu testijiet fl-laboratorju biex id-dijanjożi tiġi kkonfermata. Kampjuni meħuda minn animal meħuda jtin iridu jimbagħthu lil-laboratorji kompetenti għal dijanjożi.</p>	<p>F'pajjiżi fejn il-marda tkun endemika, jiġu implimentati miżuri biex jindirizzaw u jnaqqsu r-riskju ta' infezzjoni f'popolazzjonijiet suxxettibbli (organiżmi selvaġġi, annimali li jgħixu fit-triq u daww domestiċi), u biex joħlqu bafer bejn l-annimal sors tal-marda, u l-bnedmin. Programmi ta' tilqim għal animal domestiċi, programmi ta' kontroll tar-rabja f'organiżmi selvaġġi, li jinkludu t-tilqim (insib/tilqim/orali) rilaxx jew twassil ta' vaċċini orali).</p>

Rabja

Anness I

X'inhi?	Kif tixtered?	X'inhu r-riskju għas-saħħa pubblika?	X'inhu s-sinjali kliniċi?	Kif issir id-dijanjożi?	Kif tista' ssir il-prevenzjoni jew il-kontroll?
<p>Is-salmonella hija batterju li jikkawża marda fl-bnedmin, imsejħa salmonellożi. Is-salmonella tinsab komunement fl-intestini ta' għasafar u mammi-eri b'saħħithom. Fl-ikel, hija tinsab l-aktar ta' spiss fl-bajd u fl-laħam nej minn ħnieżer, dundjani u tigjeg.</p> <p><b>Salmonella</b></p>	<p>Hija tista' tixtered lill-bnedmin permezz ta' ikel kontaminat. It-tmessis ta' laħam nej u ta' ingredjenti oħra ta' l-ikel nej, tisjir bir-reqqa u iġjene tajba fl-ikċina, jista' jevita jew inaqqas ir-riskju ppreżentat mill-ikel kontaminat.</p>	<p>Is-salmonellożi hija żoonożi: marda jew infezzjoni li tista' tittieħed direttament jew indirettament bejn l-animali u l-bnedmin. Jekk hija tinfetta n-nixxiegħa tad-demm fl-ġisem, tista' tkun ta' theddida għall-ħajja.</p>	<p>Is-sintomi normali tas-salmonellożi tal-bnedmin jinkludu deni, dijarea u bugħawwieġ addominali. Is-sintomi tas-salmonella fit-tjur jinkludu rix imħabbel, għatx, nuqqas ta' rieda biex jiċċaqilqu, u dijarea safra.</p>	<p>Il-marda fit-tjur tista' tiġi suspettata abbażi ta' sinjali kliniċi, madankollu jinħtegu testijiet fl-laboratorju biex id-dijanjożi tiġi kkonfermata.</p>	<p>Approċċ ikkoordinat mill-atturi kollha tal-UE dwar il-mard zoonotiku għen biex inaqqas il-każijiet umani tas-salmonellożi fl-UE bi kważi n-nofs, matul perjodu ta' ħames snin (2004-2009). Fl-2003, l-UE waqfiet programm ta' kontroll estiż għaż-żoonożi, fejn qieset is-Salmonella bħala prijorità. Programmi ta' kontroll imtejjeb tas-salmonella fl-pollam ġew implimentati fl-Istati Membri kollha tal-UE. Ġew issettjati miri għat-tnaqqis tas-salmonella fl-qatgħat tal-pollam (eż. tigjeg li jbid, tigjeg tas-simna, dundjani) u fl-ħnieżer. Ġew imposti wkoll restrizzjonijiet fuq il-kummerċ ta' prodotti minn qatgħat infettati.</p>

Sors: L-OIE u l-EFSA.

## Responsabbiltajiet prinċipali

### 01

Il-Kummissjoni (id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari) hija responsabbli milli tikkoordina, tivvaluta u tapprova l-abbozzi ta' programmi nazzjonali tal-Istati Membri, u milli tipprovdi l-appoġġ finanzjarju għalihom taħt ġestjoni diretta. Id-direttorat responsabbli mill-miżuri veterinarji huwa d-Direttorat G - Affarijiet Veterinarji u Internazzjonali.

### 02

Task Force, li ilha topera mill-2000 'il hawn, tipprovdi gwida esperta lill-Istati Membri għall-qerda tal-mard. Hija magħmula minn rappreżentanti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u għandha sottogruppi għall-mard prinċipali tal-annimali. It-Task Force u s-sottogruppi tagħha jipprovdu opportunità ta' kondiviżjoni tal-aħjar Prattika bejn l-esperti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Wara l-laqgħat tas-sottogruppi, it-Task Force tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal titjib tal-programmi tal-Istati Membri. It-Task Force tiltaqa' f'sessjoni plenarja kull sena.

### 03

Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari jimmaniġġja s-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali ("ADNS") u jikkordina miżuri ta' emerġenza f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-annimali li tittieħed. Minbarra dan, id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari jimmaniġġja s-sistema "TRACES" li tinnotifika, tiċċertifika u timmonitorja importazzjonijiet, esportazzjonijiet u kummerċ transkonfinali intra-UE tal-annimali u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-animali.

### 04

L-ADNS hija sistema elettronika ta' notifika mfassla għar-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' mard infettiv importanti tal-annimali. Hija għandha l-għan li tiżgura n-notifika immedjata ta' messaġġi ta' "alert" kif ukoll informazzjoni dettaljata dwar tifqigħat ta' mard tal-annimali fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra li huma konnessi mas-sistema. Id-*data* tiddaħħal fil-livell tal-pajjiżi. Il-Kummissjoni tikkorrelata d-*data* u tibgħat l-informazzjoni dwar tifqigħat primarji u sekondarji lill-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Membri kuljum. Dan jippermetti lill-awtoritajiet veterinarji fl-Istati Membri jivvalutaw ir-riskji u jieħdu azzjonijiet meħtieġa.

### 05

L-FVO huwa d-Direttorat F tad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari. Il-kompitu prinċipali tiegħu huwa li jivverifika li qed jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-sikurezza u l-kwalità ta' prodotti tal-ikel, prodotti veterinarji u prodotti fitosanitarji. Huwa jwettaq awditi fit-28 Stat Membru u f'Pajjiżi Terzi li jespertaw jew ifittxu li jespertaw lejn l-UE. Huwa magħmul minn professjonisti veterinarji, u l-kompiti tal-ispezzjoni/tal-awditjar tiegħu huma parti minn programm ta' ħidma annwali li jitfassal abbażi ta' analiżi tar-riskju. Xogħlu jinkludi evalwazzjonijiet tas-sistemi u ttestjar sostantiv. Kull awditu jirriżulta f'rapport li fih konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet. Il-partijiet awditjati jiġu mistiedna jippreżentaw pjan ta' azzjoni li jkopri s-sejbiet kollha ta' deficijenzi. L-implimentazzjoni ta' dan il-pjan tiġi evalwata u mmonitorjata. L-FVO jippubblika r-rapporti tal-awditjar tiegħu u rapport ta' sinteżi annwali fuq is-sit web tad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari.

**06**

L-Istati Membri jwettqu l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni reali tal-programmi permezz tal-awtorità nazzjonali rilevanti. F'każ ta' Stati federali jew deċentralizzati, l-implimentazzjoni tista' tiġi devoluta għal-livell lokali (eż. fil-Gran Brittanja, ir-responsabbiltà qiegħda fil-livell tal-kontea; fil-Ġermanja, ir-responsabbiltà qiegħda f'idejn il-Länder). Kull Stat Membru jippreżenta applikazzjoni unika għar-rimborż u r-rapport finali lill-Kummissjoni.

**07**

L-Istati Membri huma responsabbli mill-ġestjoni tal-programmi tagħhom, u l-Kummissjoni tiġi infurmata formalment dwar azzjonijiet meħuda fir-rapport annwali u l-klejm dwar l-ispejjeż.

**08**

Il-PAFF huwa magħmul minn rappreżentati mill-gvernijiet tal-UE. Il-mandat tal-Kumitat ikopri riskji ġenerali għas-saħħa tal-annimali u l-katina tal-provvista alimentari kollha kemm hi mill-farm sal-furketta. Huwa jiġi pprezdat minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-kumitat rilevanti dwar il-miżuri li tkun qed tippjana li tadotta. Il-Kumitat jista' mbagħad jagħti opinjoni dwar xogħol il-Kummissjoni.

**09**

L-EFSA mhijiex responsabbli mill-evalwazzjoni tar-riskji għas-sikurezza alimentari u min-notifika tagħhom lill-Kummissjoni. Hija mhijiex responsabbli mill-ġestjoni tar-riskju. Hija taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u tipprova pariri xjentifiċi dwar kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza alimentari. Il-pariri xjentifiċi tagħha huma sors importanti ta' informazzjoni dwar riskji u huma element essenzjali fit-tfassil tal-approċċ tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tar-riskju. F'dak li jirrigwarda l-mard tal-annimali, huwa involut prinċipalment fl-istudji xjentifiċi tal-qerda tal-mard. Barra minn hekk, huwa jista' jiġi kkonsultat f'każ ta' miżuri ta' emerġenza waqt tifqigħa serja.

**10**

Organizzazzjonijiet oħra, notevolment l-ECDC, l-OIE u l-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius (CAC), imwaqqfa mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), jivvalutaw kwistjonijiet relatati mas-saħħa tal-bniedem u dik tal-annimali.

## Sommarju eżekuttiv

### VII

Il-Kummissjoni tixtieq tinnota l-ammont vast ta' evidenza tal-kostijiet-benefiċċji ġenerali tal-programmi veterinarji, pereżempju, li jiġu evitati infezzjonijiet fil-bnedmin u li f'xi każijiet jiġu salvati l-ħajjiet. Ma hemm ebda mudell disponibbli, lanqas fil-livell internazzjonali, biex janalizza l-kosteffettività tal-programmi minħabba n-natura speċifika tagħhom.

Il-Kummissjoni taqbel li l-kumpens żejjed minn Stati Membri jista' jillimita l-inċentiv biex jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà effettivi. Madankollu, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li hemm biżżejjed evidenza li tali każijiet filfatti okkorrew b'mod estensiv.

Rigward it-tnaqqis fil-pagamenti impost mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li jaqa' biss taħt il-kompetenza tal-Istat Membru li jaqsam, skont ir-regoli nazzjonali, il-pieni finanzjarji applikati mill-Kummissjoni.

### VIII

Il-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-istrumenti tal-IT tagħha biex tappoġġa aħjar il-programmi tal-Istati Membri.

### IX

Il-Kummissjoni għandha approċċ speċifiku adatt għal kull marda. L-organiżmi selvaġġi jiġu inklużi meta jkun iġġustifikat epidemjoloġikament, bħal ma huwa l-każ għall-influwenza avjarja, id-deni klassiku tal-ħnieżer, id-deni Afrikan tal-ħnieżer, ir-rabja. Il-Kummissjoni taqbel li t-tuberkulożi bovina għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni b'miżuri mmirati għall-organiżmi selvaġġi, filwaqt li jittieħed kont tal-ambjent (pereżempju, il-popolazzjoni tal-baġers li hija kwistjoni fir-Renju Unit iżda mhux fuq il-kontinent); speċijiet oħra, bħaċ-ċerv, jistgħu ikunu rilevanti fi Stati Membri oħra.

### X (a)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

### X (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

### X (c)

Il-Kummissjoni taċċetta li tiżgura li l-Istati Membri jinkludu sistematikament, meta jkun rilevanti, l-aspett tal-organiżmi selvaġġi fil-programmi veterinarji tagħhom.

### X (d)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

## Introduzzjoni

### 05

Mill-2007, il-programmi veterinarji tal-UE ġew ikkunsidrati bħala wieħed mill-istrumenti politiċi possibbli li jista' jintuża skont l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali.

### 09

Għal xi mard ta' annimali, il-qerda tiegħu tista' tinvolvi proċess li jieħu ż-żmien minħabba l-ispeċifità tal-marda. Madankollu, it-tuberkułozi bovina u l-bruċellożi bovina ġew meqruda fil-maġġorparti tal-Istati Membri. F'dawk l-Istati Membri fejn il-marda għadha preżenti, diversi reġjuni huma diġà uffiċjalment ħielsa. Id-diffikultà biex jin-qered xi mard tal-annimali tinvolvi nefqa rikorrenti mill-baġit tal-UE għall-programmi veterinarji.

## Osservazzjonijiet tal-awditjar

### 27

Mill-2007, il-programmi veterinarji tal-UE ġew ikkunsidrati bħala wieħed mill-istrumenti politiċi possibbli li jista' jintuża skont l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali.

### 41

Il-Kummissjoni tenfasizza li għadhom ma ġewx żviluppatti mudelli biex janalizzaw il-kosteffettività tal-miżuri meħuda, lanqas fil-livell internazzjonali. Il-Kummissjoni tixtieq tinnota l-ammont kbir ta' evidenza tal-kostijiet-benefiċċji ġenerali tal-programmi veterinarji, pereżempju, li jiġu evitati infezzjonijiet fil-bnedmin u li f'xi każijiet jiġu salvati l-ħajjiet.

### Kaxxa 4 — Azzjonijiet mhux ikkontrollati biżżejjed jew spejjeż għoljin

1. L-ewwel sejħa għall-offerti nazzjonali mnedija mill-awtoritajiet Pollakki għall-2015 fuq talba tal-Kummissjoni uriet l-effett mixtieq: il-prezz medju tal-vaċċini naqas bin-nofs.
2. Il-kwistjoni fir-Rumanija hija eżempju fejn il-Kummissjoni identifikat in-nonkonformità u tat reazzjoni immedjata billi rrifjutat li tirrimborża l-ispejjeż tal-programm. Il-Kummissjoni talbet lir-Rumanija tieħu numru ta' azzjonijiet korrettivi. Sabiex jivverifika li l-awtoritajiet Rumani kienu ħadu l-miżuri adegwati, l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju wettaq awditjar fuq il-programm kontra r-rabja (id-Direttorat ta' DG SANTE) tal-2014 fir-Rumanija. Minn dak iż-żmien, ir-Rumanija implimentat azzjonijiet korrettivi kif intalbet mill-Kummissjoni.

### 44

Il-Kummissjoni taqbel li "ma hemm l-ebda rekwiżit biex l-Istati Membri jibbażaw l-ammonti ta' kumpens fuq l-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi". Dan huwa minħabba l-fatt li l-grilja tirreferi biss għal annimali tal-laħam lesti għall-qtil kummerċjali. L-annimali maqtula waqt programmi veterinarji huma spiss annimali għat-tnissil jew annimali żgħar wisq għall-qtil kummerċjali. Għalhekk, il-grilja spiss ma tkunx applikabbli.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-bdiewa jaffaċċaw varjetà ta' konsegwenzi meta ma japplikawx il-miżuri xierqa ta' bijosigurtà. Fkaż li tfaqqga' xi marda, il-bidwi għandu jassumi l-ispejjeż li mhumiex ikkumpensati, bħall-iżvantaġġi ekonomiċi minħabba restrizzjonijiet fil-moviment tal-annimali, in-nuqqas ta' produzzjoni tal-annimali, in-nuqqas ta' reputazzjoni kummerċjali, l-ispiża addizzjonali għall-istokkjar mill-ġdid, it-tindif u d-diżinfezzjoni. Dawn l-ispejjeż jistgħu jiżbqu l-kumpens żejjed possibbli.

### 45

Il-Kummissjoni tinnota d-diffikultajiet biex il-prezzijiet tas-suq jiġu mqabbla mal-valuri ta' kumpens (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 44). Fl-Italja, ir-rati ta' kumpens f'każ ta' mard huma rregolati fid-dettall mil-liġi<sup>1</sup>.

Barra minn hekk, l-istatistika dwar is-swiegq agrikoli kkwotata mill-Qorti tal-Awdituri ma tirreferix għal prezzijiet tas-suq ta' animali ħajjin u b'saħħithom iżda għal-prezzijiet tas-suq għal-laħam tan-ngħaġ.

L-awditi finanzjarji mwettqa mill-Kummissjoni fuq programmi veterinarji fl-Italja kkonkludew li r-rati ta' kumpens kienu konformi mal-valur eliġibbli.

### 46

L-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju wettaq awditu fuq il-programm għall-qerda tat-tuberkulożi tar-Renju Unit<sup>2</sup> u sab li f'Wales it-"Tuberculosis Order" (Wales) tinkludi miżuri li jorbtu l-kumpens mal-aħjar prattika tal-biedja, inkluż miżuri ta' bijosigurtà adegwati.

### 47

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li hija applikat il-miżuri korrettivi adegwati, filwaqt li kkunsidrat id-defiċjenzi identifikati fil-programm nazzjonali. Jaqa' biss taħt il-kompetenza tal-Istat Membru li dan jaqsam, skont ir-regoli nazzjonali, il-penali finanzjarji applikati mill-Kummissjoni.

### 51

Il-Kummissjoni taqbel u biħsiebha tagħmel rieżami, flimkien mal-Istati Membri, ta' liema indikaturi addizzjonali jistgħu ikunu utli għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni teknika tal-programmi. Madankollu, rigward il-kosteffettività, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se teżamina l-possibilità li tidentifika indikaturi adattati fir-rigward tal-kosteffettività li huma speċifiċi għall-programmi veterinarji.

### 55

Il-Kummissjoni tinnota l-awditi finanzjarji mwettqa fuq programmi veterinarji fl-Italja, li kkonkludew li l-kumpens imħallas mill-Italja kien eliġibbli u li r-rakkomandazzjoni tagħha fuq il-livelli ta' kumpens kienet qed tiġi indirizzata (ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 44 u 45). M'hemm l-ebda prova li kien hemm rabta bejn il-kumpens u d-dewmien fil-qerda fl-Italja.

### 57

Il-Kummissjoni għandha strateġija għas-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-kontroll adatta għal kull marda. L-animali selvaġġi huma inklużi meta jkun ġustifikat epidemjoloġikament, pereżempju, l-influenza avjarja, id-deni klassiku tal-ħnieżer, id-deni Afrikan tal-ħnieżer, ir-rabja. Il-Kummissjoni taqbel li jeħtieġ li jkun hemm aktar kunsiderazzjoni għat-tuberkulożi bovina b'miżuri mmirati lejn l-animali selvaġġi, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-ambjent (pereżempju, il-popolazzjoni ta' baġers li hija kwistjoni fir-Renju Unit iżda mhux fuq il-kontinent); speċijiet oħra jistgħu ikunu rilevanti fi Stati Membri oħra, bħaċ-ċerv.

1 Referenza; "art.6 della legge 28 maggio 1981, n. 296 e" (l-aħħar digriet ta' modifikazzjoni 11 ta' Awwissu 2015).

2 DG SANTE, rapport tal-awditjar tal-FVO "United Kingdom 2011-6057" [http://ec.europa.eu/food/fvo/audit\\_reports/index.cfm](http://ec.europa.eu/food/fvo/audit_reports/index.cfm)



## It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 59 sa 60

Il-Kummissjoni tenfasizza li diġà ġew stabbiliti banek tal-vaċċini / antiġens għal żewġ mardiet, jiġifieri l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u d-deni klassiku tal-ħnieżer. Dan sar abbażi - fejn ikun rilevanti - ta' analiżi tar-riskju tar-razez ta' mikrobi li l-aktar li jokkorru fl-Ewropa.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 66

Filwaqt li ma hemm ebda mudell disponibbli, lanqas fil-livell internazzjonali, li janalizza l-kosteffettività tal-programmi, il-Kummissjoni tixtieq tinnota l-ammont kbir ta' evidenza għall-kosteffettività ġenerali tal-programmi veterinarji, pereżempju, li jiġu evitati infezzjonijiet fil-bnedmin u li f'xi każijiet jiġu salvati l-ħajjiet.

### 67

Il-Kummissjoni taqbel li l-kumpens żejjed minn Stati Membri jista' jillimita l-inċentiv biex jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà effettivi. Madankollu, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li hemm biżżejjed provi li tali każijiet filfatti okkorrew b'mod estensiv. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li hija applikat il-miżuri korrettivi ġusti, filwaqt li kkunsidrat id-defiċjenzi identifikati fil-programmi nazzjonali. Jaqa' biss taħt il-kompetenza tal-Istat Membru li dan jaqsam, skont ir-regoli nazzjonali, il-penali finanzjarji applikati mill-Kummissjoni.

### 69

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-informazzjoni kienet disponibbli qabel it-tmiem tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni peress li t-tliet Stati Membri kkonċernati pprovdew l-informazzjoni storika nieqsa wara t-talba tal-Kummissjoni. Minħabba l-fatti li tlieta minn 24 Stat Membru kienu kkonċernati, il-Kummissjoni tikkunsidra dan bħala każ iżolat.

### 70

Għal xi mard ta' animali, il-qerda tiegħu tista' tinvolvi proċess li jieħu ż-żmien minħabba l-ispeċifità tal-marda. Dan huwa tipikament il-każ għat-tuberkulożi u l-bruċellożi.

### 71

Il-Kummissjoni għandha strateġija għas-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-kontroll adatta għal kull marda. L-animali selvaġġi huma inklużi meta jkun ġustifikat epidemjoloġikament, pereżempju, l-influenza avjarja, id-deni klassiku tal-ħnieżer, id-deni Afrikan tal-ħnieżer, ir-rabja. Il-Kummissjoni taqbel li t-tuberkulożi bovina għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni b'miżuri mmirati għall-organiżmi selvaġġi, filwaqt li jittieħed kont tal-ambjent (pereżempju, il-popolazzjoni tal-baġers li hija kwistjoni fir-Renju Unit iżda mhux fuq il-kontinent); speċijiet oħra jistgħu ikunu rilevanti fi Stati Membri oħra, bħaċ-ċerv.

### 72

Il-Kummissjoni tenfasizza li diġà ġew stabbiliti banek tal-vaċċini / antiġens għal żewġ mardiet, jiġifieri l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u d-deni klassiku tal-ħnieżer. Dan sar abbażi - fejn ikun rilevanti - ta' analiżi tar-riskju tar-razez ta' mikrobi li l-aktar li jokkorru fl-Ewropa.

### Rakkomandazzjonijiet

- (a) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.
- (b) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.
- (c) Il-Kummissjoni taċċetta li tiżgura li l-Istati Membri jinkludu sistematikament, meta jkun rilevanti, l-aspett tal-organiżmi selvaġġi fil-programmi veterinarji tagħhom.
- (d) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Il-mard tal-annimali jista' jixtered b'mod rapidu. B'hekk jikkawża spejjeż ekonomiċi sinifikanti u huwa riskju kemm għas-saħħa tal-annimali kif ukoll dik tal-bniedem. L-UE għandha politika attiva dwar is-saħħa tal-annimali u tiffinanzja l-programmi tal-Istati Membri għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali. Il-Qorti eżaminat dawn il-programmi u kkonkludiet li, b'mod ġenerali, l-approċċ tal-Kummissjoni u l-programmi tal-Istati Membri kienu tajbin. Kien hemm bosta stejjer ta' suċċess, iżda l-qerda hija eżerċizzju kumpless u tista' tiegħu ħafna snin. Madankollu, baqa' lok għal titjib. Aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni epidemjoloġika bejn l-Istati Membri; l-indikaturi użati għall-attivitajiet ta' kontroll veterinarju u l-kosteffettività; kif l-organiżmi selvaġġi jiġu ttrattati u d-disponibbiltà ta' vaċċini.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet